# DAWL FRANĠISKAN

LEĦEN IL-KAPUĊĊINI MALTIN




# IL-MITEJN ĦARĠA




MEJJU 2000 · L-GĦOXRIN SENA · GĦADD 200 · NEWSPAPER POST

# Werrej...


EDITORJAL 1
*minn P. Joe Alessandro ofm cap*

RIFLESSJONI U AZZJONI 2
Dawra mal-Plajja tal-Ħajja
*minn P. William Axiaq ofm cap*

DAWL FRANĠISKAN 4
Il-200 Ħarġa
*minn P. Joe Alessandro ofm cap*

BIBBJA 6
Erbgħin Jum wara l-Qawmien
*minn P. Donat Spiteri ofm cap*





KENJA 8
Siġra mxettla sitta u għoxrin sena ilu
*minn P. Frans Baldacchino ofm cap*

KUBA 10
L-Għeruq ta' Vokazzjoni Missjunarja
*minn P. Philip Cutajar ofm cap*





KULTURA FRANĠISKANA 12
Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u San Franġisk fil-Filatelija
*minn P. Martin Micallef ofm cap*

O. F. S. 14
Il-grazzja tax-xogħol
*minn P. Frans Abela ofm cap*

ŻGĦAŻAGĦ FRANĠISKANI 15
Il-Vizzju
*minn Melchior Pace gi.fra.*

ĠUBLEW 2000 16
Il-Maħfra
*minn Sr. Agnese Zammit o.g.*
Mea Culpa:
Il-Papa jitlob Maħfra

TWEĠIBA 18
*minn P. William Axiaq.*

KAPUĊĊINI 19
Il-Knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem fix-Xemxija
*minn P. Franġisku Azzopardi ofm cap*





SPIITWALITÀ FRANĠISKANA 22
"Inħallilkom ir-Ružarju!"
*minn Tessie Scerri ofs*

AĦBARIJIET KAPUĊĊINI 23

IT-TISLIBA 24
*minn P. Wistin Attard ofm cap*

POEŻIJA 24
Dawl Franġiskan - 200
*minn P. Wistin Attard ofm cap*

VOKAZZJONIJIET Qoxra 3
*minn P. Joe Giuliano ofm cap*



DAWL FRANĠISKAN

**MEJJU 2000**
**L-20 sena**
**Għadd 200**





**Qoxra 1:**
***Il-faċċati ta' kull 25 Ħarġa ta' "Dawl Franġiskan"***


**BORD EDITORJALI:**
Joe Alessandro ofm cap (Direttur u Editur)
Wistin Attard ofm cap
Frans Abela Giusti ofm cap
Noel Pace
Maria Mercieca ofs
Dorian Holland ofs
Keith Spiteri gi.fra.



**DIREZZJONI U AMMINISTRAZZJONI**
Kunvent tal-Kapuċċini,
Floriana - VLT 14
Tel: 233874/225525/234949
e-mail: ofmcap@keyworld.net

**Design u Layout:**
IMAGE 2000 Ltd., B'Bugia
**MITBUGĦ:**
P.E.G. Ltd., San Ġwann.



Kull korrispondenza, artikli, kitbiet u ittri biex jidhru fid-DAWL FRANĠISKAN għandhom jiġu indirizzati lill-Editur. Id-Direzzjoni tirriserva d-dritt li tippubblika fid-DAWL FRANĠISKAN dawk l-artikli, ittri jew tagħrif ieħor li jidhrilha li jkunu jaqblu max-xejra tar-rivista.



Ħlas ta' l-Abbonament: Lm 4 fis-sena.
Kull offerta, barra mill-ħlas, hi milqugħa bħala għajnuna għall-Missjoni, li għandha tintbagħat lid-Direttur
Ċentru Missjoni Kapuċċini
Kunvent tal-Kapuċċini
Floriana - VLT 14

# EDITORJAL

minn
P. Joe ALESSANDRO ofm cap

# Il-Ġublew ma' Marija Pellegrina



Din is-sena, aħna bħala nsara, qegħdin infakkru l-2000 sena mit-twelid ta' Ġesù Kristu li sar bniedem bħalna biex jifdina. Dan hu s-sens kollu tal-Ġublew Imqaddes. Ma nistgħux niftakru u nfakkru t-twelid ta' l-Iben ta' Alla mingħajr ma niftakru u norbtu dan it-twelid ma' min kien strument f'idejn Alla biex dan seta' jseħħ: MARIJA TA' NAZARET.

Marija kellha sehem ewlieni fil-misteru ta' l-inkarnazzjoni. Hi mhux biss tatna lil binha Ġesù iżda mxiet miegħu matul ħajtu kollha, mill-bidunett sa l-aħħar.

## MARIJA F'MIXJA KONTINWA

• Marija mxiet lejn id-dar ta' Eliżabetta ġġor f'ġufha lil binha Ġesù li kien għadu kemm tnissel fiha: *"F'dawk il-granet Marija qamet u marret tħaffef lejn il-għoljiet, f'belt tal-Lhudija" (Lq 1, 39).*

• Marija mxiet minn belt sa belt b'Ġesù fiha qabel ma welditu. *"Ġużeppi wkoll mar mill-Galilija, mill-belt ta' Nazaret, u tela' l-Lhudija, fil-belt ta' David jisimha Betlehem ... biex jinkiteb flimkien ma' Marija l-għarusa tiegħu, li kienet tqila" (Lq 1, 4-5).*

• Marija ġġor lil Ġesù ħdanha sal-tempju. *"Wara li għalqilhom iż-żmien għall-purifikazzjoni tagħhom skond il-liġi ta' Mosè, ħaduh Ġerusalemm biex jippreżentawh lill-Mulej (Lq 1, 22).*

• Marija timxi maħruba bit-tarbija Ġesù lejn l-Eġittu: *"Ġużeppi qam, ħa miegħu lit-tifel u'l ommu bil-lejl, u warrab lejn l-Eġittu" (Mt 2, 14)*

• Marija ta' kull sena timxi lejn Ġerusalemm bit-tfajjel Ġesù magħha: *"Ta' kull sena l-ġenituri ta' Ġesù kienu jmorru Ġerusalemm għall-festa ta' l-Għid" (Lq 1, 41).*

• Marija timxi ma' Ġesù u twasslu jagħmel l-ewwel miraklu tiegħu: *"Imbagħad il-pitgħada sar tieġ f'Kana tal-Galilija, u omm Ġesù kienet hemm. Ġesù kien mistieden għat-tieġ hu wkoll" (Ġw 2, 1-2).*

• Marija timxi fejn kien ikun jgħallem Ġesù: *"Kif kien għadu jkellem lin-nies, ġew ommu u qrabatu, waqfu barra u fittxew li jkellmuh" (Mt 12, 46).*

• Marija mxiet sa fuq l-Għolja tal-Golgota biex tkun ma' binha Ġesù fl-agunija tiegħu: *"Kien hemm wieqfa ħdejn is-salib ta' Ġesù ommu, oħt ommu, Marija ta' Kleofa, u Marija ta' Magdala" (Ġw 19, 25).*

• Marija timxi lura mill-Golgota sa għand id-dixxiplu l-maħbub: *"Mela kif Ġesù lemaħ lil ommu u lid-dixxiplu li kien iħobb wieqaf ħdejha, qal lil ommu: 'Mara, hemm hu ibnek.' Imbagħad qal lid-dixxiplu: 'Hemm hi ommok.' U minn dak il-ħin id-dixxiplu ħadha għandu" (Ġw 19, 26-27).*

Mhux biss Ġwanni iżda int u jien ukoll aħna d-dixxipli l-maħbubin tal-Mulej. Marija, bħala ommna għadha timxi magħna u tpoġġilna kuljum quddiem għajnejna lil binha Ġesù filwaqt li ttennilna: "Agħmlu kull ma jgħidilkom hu" (Ġw 2, 5).

Ejjew f'dan il-Ġublew il-Kbir nimxu ma' Marija ħalli twassalna għand binha Ġesù li hu t-triq u l-bieb tal-ħajja. ❑

# Teleskopju fuq il-Ħajja



minn P. William AXIAQ ofm cap

Inkomplu nirrflettu fuq il-ħajja billi nikxfu ftit għawar. Dan nagħmluh, iżda, mhux għall-gost imma biex inkomplu nitgħallmu u, fejn hemm bżonn, inbiddlu ħajjitna għall-aħjar. Ħsieb forsi, ftit tqil, sakemm tisforza biex tara xi jrid jgħid. Dan jirrifletti t-tagħlim tal-Konċilju Vatikan II. Id-Dikjarazzjoni dwar il-libertà reliġjuża tgħid: "Il-verità ma tistax timponi lilha nnifisha, jekk mhux bil-qawwa li l-istess verità tiġbor fiha nfisha hija u tirbaħ għan-naħa tagħha l-moħħ sew bil-ħlewwa u sew bil-qawwa tagħha" (n.1).
Fuq dawn il-ħsibijiet irridu nirriflettu, imma l-iżjed fuq l-aħħar wieħed. Hu meħtieġ ħafna li nagħmlu hekk.

## 1 IL-MITO TA' L-UNIVERSITÀ



Xi ġenituri ħalfu li wliedhom, jiġri x'jiġri, iridu jgħaddu bilfors minn tal-Qroqq. Iħossuhom mhumiex huma jekk uliedhom jiddisappuntawhom f'ħaġa li tgħidx kemm ikun ilhom joħolmuha, f'ħaġa li tgħidx kemm hi għal qalbhom, għax tpaxxihom personalment u ttellagħhom is-sema. Iħossu li jkunu fallew u tkun waqgħet id-dinja għalihom bħala ġenituri jekk uliedhom jeħlu f'ċerti suġġetti u ma jkunux jistgħu jidħlu l-università. Tgħidx x'jagħmlu jekk uliedhom ikunu ġabu s-suġġetti rikjesti għad-dħul l-università u jippreferixxu jibdew jaħdmu milli jkomplu jistudjaw. Oħrajn tagħtihom rashom jekk uliedhom jidħlu l-università, jibdew xi kors u mbagħad ma jkomplux.

Li l-ġenituri jedukaw 'l uliedhom u jwittulhom it-triq għall-università huwa għaqal. Huwa sinjal ta' progress u evoluzzjoni, basta dan kollu jagħmluh b'ħafna safa tal-qalb. Iżda meta jimbuttaw 'l uliedhom biex imorru l-università ħalli jisfruttawhom, biex ikunu jistgħu jixxalaw minn fuq dahrhom billi jiksbu isem u prestiġju għall-familja tagħhom u jkunu jistgħu jiddandnu u jiżżarġnu fuq l-oħrajn, dan ħażin ħafna. Dan ikun abbuż mil-libertà tat-tfal tagħhom.

Wara l-mito ta' l-università hemm moħbija l-karriera. Din il-kelma kisbet fama fost ċerti ġenituri. Tgħidx kemm tidwi b'mod ħelu u melodjuż f'widnejhom. Uliedhom għalihom ifissru karriera: karriera professjonali, diplomatika, politika, akkademika ... Wara dan kollu mbagħad ma ssibx ħlief frugħa, ftaħir żejjed u fanfarunati.

Xi żgħażagħ jagħżlu l-università mhux minn jeddhom imma għax imbuttati mill-ġenituri tagħhom, speċjalment ċerti ommijiet ambizzjużi u għajjurin li jridu jagħmlu wirja quddiem id-dinja b'uliedhom.

Din il-ħaġa qed tiġri fostna u qed tagħmel ħafna ħsara. Qed nitwikkew b'nies li ħarġu mill-università moħħhom iżjed fil-karriera milli moħħhom f'servizz karitativ u missjunarju li jridu joffru lin-nies. Dawn kif tridhom jagħmlu l-ġid u ma jixxalawx minn fuq dahar in-nies meta moħħhom ħafna fihom infushom tort tal-ġenituri tagħhom?

## 2 MHIX IMPOŻIZZJONI

F'isem il-libertà reliġjuża u l-pluralizmu qed jiġru fatti li qegħdin ifixklu l-evanġelizzazzjoni fi żmienna. Bl-iskuża li rridu nirrispettaw l-opinjoni ta' l-oħrajn, qegħdin nlżolqu minn ċerti dmirijiet u responsabbiltajiet. M'aħniex nipproponu lill-kuxjenza ta' persuni li niltaqgħu magħhom il-verità u s-salvazzjoni fi Kristu Ġesù b'mod l-aktar ċar u b'rispett assolut ta' l-għażliet liberi li tqiegħed quddiemhom.

Il-preżentazzjoni rispettuża ta' Kristu u tal-valuri tas-Saltna tiegħu mhux biss mhix attentat imprudenti



għal-libertà reliġjuża ta' ħaddieħor; mhux biss mhix nuqqas ta' tolleranza reliġjuża, talli hu ġieħ kbir li dik il-libertà toffrilha l-għażla ta' triq li anki dawk li ma jemmnux iqisuha nobbli u tgħolli d-dinjità tal-bniedem.

Dan qed jiġri b'ċerta propaganda li qiegħda tagħmel ħsara kbira lir-reliġjon nisranija. Xi wħud qed isostnu li r-reliġjon hi fatt personali biss. Oħrajn qed jippreżentaw ir-reliġjon bħala tfixkil għall-ħelsien ekonomiku u soċjali tal-bniedem u ta' pajjiżhom. Oħrajn xerrdu u qed ikomplu jxerrdu konfużjoni u ineżattezzi dwar moralità sesswali. Oħrajn qed iħallu r-reliġjon nisranija u jsiru Musulmani jew membri ta' dik is-setta jew l-oħra, ta' dik id-denominazzjoni protestantika jew l-oħra, ta' dik il-filosofija Indjana jew Buddista, għax iħossu li hekk qed tgħidilhom il-kuxjenza.

Wara l-iskuża tal-libertà reliġjuża jew f'isem il-pluraliżmu, jista' jkun hemm moħbijin it-traskuraġni, il-biża' jew ir-rispett uman. Dan kollu jfixkilna milli naħdmu biex irressqu oħrajn lejn Kristu u l-ħelsien tiegħu.

Dan kollu jista' jkun ġej ukoll minn ideat żbaljati li jkollna bżonn niċċarawhom, biex ma nagħlqux għajnejna għar-responsabbiltajiet tagħna li jorbtuna fil-kuxjenza.

Nimponi r-reliġjon nisranija u kattolika fuq l-oħrajn le, imma li nibqa' ċass quddiem dak li qed jiġri madwari u ma niħux azzjoni jikxef nuqqas serju ta' responsabbiltà, meta fin-nofs hemm tilgħab is-salvazzjoni ta' dejjem ta' ċerti persuni.

• Mulej, agħmilna ġenituri għaqlin, kapaċi nirrispettaw id-dinjità u l-libertà personali ta' wliedna u qatt ma nabbużaw minnha.

• Mgħallem Divin, agħmel li qatt ma ninqabad fl-ingranaġġ ta' ċerti ideat u opinjonijiet strambi, ambigwi u perikolużi li hawn jiċċirkolaw fostna.

## Mill-Ittri tal-Qarrejja



• Jien qed niktiblek dawn iż-żewġ kelmiet biex nirringrazzjak tad-**Dawl Franġiskan**. Veru jkun sabiħ. Avolja għadni żgħira, imma nieħdu l-iskola u minnu nsibu ħafna affarijiet importanti li jkunu utli għalina. Grazzi ħafna.
*M. Sciberras - Ħaż-Żebbuġ*

• Jiena waħda mill-qarrejja tar-rivista **Dawl Franġiskan**. Tassew rivista mimlija b'artikli interessanti. Ta' kull xahar inkun qed nistennieha fil-posta għax veru nieħu pjaċir naqraha. Qegħda wkoll nibgħat xi bolol użati bħala għajnuna għall-missjoni. Prosit għax-xogħol siewi li tagħmlu, u nitolbu għal xulxin.
*Mrs S. Hallett - Mosta*

• Irċevejt ir-rivista **Dawl Franġiskan**, u ta' dan xtaqt nirringrazzjak ħafna għax veru nteressanti. Qed nibgħatlek ftit bolli wżati wkoll. Grazzi ħafna. *M. Chetcuti - Marsa*

• Jien student ta' 14-il sena mill-Belt Victoria, u nattendi fl-iskola sekondarja tas-Seminarju Minuri f'Għawdex. Jien qed niktiblek sabiex nawguralek tar-rivista nteressanti **Dawl Franġiskan** li ili nirċievi madwar sitt snin. Dejjem għoġbitni, u sibt fiha dik is-sustanza u t-tagħlim li għenuni ħafna spiritwalment. Nitolbok tberikni.
*F.P. Attard - Victoria, Għawdex*

## Santa Ġemma Galgani (1878-1903) Il-warda tal-passjoni

Mary Haber, kontributriċi fir-rivista tagħna bil-kitbiet tagħha, reġgħet stampat għat-tieni darba l-ħajja ta' Santa Ġemma Galgani, tfajla qaddisa li kienet iġġib f'ġisimha l-pjagi ta' Ġesù u kienet titlob ħafna għall-konverżjoni tal-midinbin. Il-ktejjeb, ta' 16-il paġna, huwa ssettjat u stampat fil-*Veritas Press*, Żabbar, u jinkiseb mingħand l-awtriċi Tel. 677867.



# Il-200 Ħarġa

## minn P. Joe Alessandro

***DAWL FRANĠISKAN*** huwa l-isem li bih ġiet mgħammda mill-ġdid ir-rivista tal-Franġiskani Kapuċċini Maltin. Għedt mill-ġdid għallex qabel ma bdiet toħroġ "Dawl Franġiskan", il-Kapuċċini kellhom diġà rivista oħra bl-isem ta' "L-Immakulata" li bdiet toħroġ fl-1912 u ċediet postha fl-1969 għar-rivista "Dawl Ġdid" fi spirtu ta' kollaborazzjoni bejn it-Tliet Familji Franġiskani. Din ta' l-aħħar damet biss erba' snin.

Bejn l-1973 u l-1981 kien hemm vojt li fih inħass il-bżonn li l-Provinċja Kapuċċina jerġa' jkollha r-rivista tagħha. Għalhekk, fl-10 ta' Jannar 1981, fuq inizjattiva ta' P. Crispin Tabone, li dak iż-żmien kien Provinċjal, ġie ffurmat l-ewwel Bord Editorjali magħmul minn P. Philip Cutajar, P. Ewsebju (Pawlu) Darmanin (illum l-Isqof ta' Garissa) u minn P. Feliċjan Bilocca. Dan il-Bord beda jaħdem mill-ewwel, tqassam ix-xogħol bejniethom u f'Marzu 1981 ħareġ l-ewwel numru ta' "Dawl Franġsikan". Xi ħaġa partikulari li din ir-rivista kellha sa mill-bidu nett kien il-*cover* bil-kulur, li llum mhux biss għadha b'din il-karatteristka iżda talli fiha wkoll paġni ta' ġewwa bil-kulur. Dan jagħmilha rivista aktar attraenti u aktar preżentabbli.

L-ewwel ħarġiet kienu mqassma mingħajr ħlas. Iżda peress li l-ispejjeż bdew jinħassu, bdiet tiġi miltuba offerta fis-sena. Bdew jiżdiedu wkoll in-numru ta' qarrejja. Minn 900 fl-ewwel ħarġa in-numru baqa' dejjem tiela' sa ma llum għandna 'l fuq minn 2,000 abbonat.

L-iskop tal-pubblikazzjoni ta' din ir-rivista minn dejjem kien li aħna nwasslu lill-qarrejja tagħrif fuq il-ħajja u l-attivitajiet tagħna l-Franġiskani Kapuċċini f'Malta u b'mod partikulari fl-artijiet tal-missjoni fejn uħud minna ħadmu u oħrajn għadhom jgħixu u jaħdmu: Indja, Etjopja, Kolombja, Kenja, Turkija, Tanzanija u Kuba. Barra minn dan, għan ieħor tar-rivista kien u għadu li tkun mezz t'appostolat ta' qari tajjeb u ta' tagħlim fuq il-familja, iż-żgħażagħ, il-membri ta' l-OFS, problemi attwali, riflessjonijiet fuq dak li jiġri madwarna, spiritwalità franġiskana, tagħlim fuq il-Bibbja, kif ukoll poeżiji, novelli u tisliba.

Matul dawn is-snin kien hemm diversi edituri:

P. Philip Cutajar min-numru1 san-numru 93 (Marzu 1981-Ottubru 1989)

P. William Axiaq min-numru 94 san-numru 112 (Novembru 1989-Awissu/ Settembru 1991)

P. Donat Spiteri min-numru 113 san-numru 122 (Ottubru 1991- Awissu/ Settembru1992)

P. Raniero Zammit min-numru 123 san-numru 182 (Ottubru 1992-Awissu/Settembru 1998)

P. Joe Alessandro min-numru 183- (Ottubru 1998- )

Ma' dawn l-edituri dejjem kien hemm Bord responsabbli magħmul kemm minn Aħwa Kapuċċini kif ukoll minn lajċi.

Fost l-Aħwa Kapuċċini nsibu lil Feliċjan Bilocca, Leonard Falzon, Frankie Formosa, Paul Bugeja, Frank Delia, Jesmond Micallef, John Cassar, Wistin Attard, Lawrenz Briffa, Noel Pace, Adrian Sammut, Valentin Calleja u Frans Abela Giusti.

Minn fost il-lajċi taw is-sehem tagħhom fuq il-Bord: Joe Zammit Ciantar, Trevor Zahra, Maria Mercieca, Evelyn Dimech, Bruno Zahra, Dorian Holland u Keith Spiteri.

Kienu u għadhom ħafna dawk li taw u għadhom jagħtu s-sehem taghhom permezz ta' kitba ta' artikli, poeżiji u tagħrif ieħor.

Fil-bidu, ir-rivista kienet tiġi stampata fil-*Charvin Press & Co. Ltd - Industrial estate*, Luqa, iżda mill-ħarga ta' Ottubru 1986 qlibna għas-sistema ta' l-*offset* u bdiet tiġi mitbugħa fil-*Gutenberg Press* - Ħaż-Żabbar. Minn Jannar 1992 sa llum qed tiġi stampata għand il-P.E.G. Ltd, l-ewwel il-Marsa u issa San Ġwann.

Ħajr imur lil dawk kollha li b'mod jew ieħor, taw u għadhom jagħtu s-sehem tagħhom biex din ir-rivista baqgħet toħroġ regolarment u b'mod dejjem aktar attraenti. Grazzi wkoll lilkom għeżież qarrejja bis-*support* li tagħtuna. ❑

# DAWL FRANĠISKAN




*"Xi ħaġa partikulari li din ir-rivista kellha sa mill-bidunett kien il-cover bil-kulur ... Dan jagħmilha rivista aktar attraenti u aktar preżentabbli."*

*Fuq ix-xellug jidhru l-faċċati ta' kull għaxar ħarġiet ta' "Dawl Franġiskan"*

# Erbgħin Jum wara l-Qawmien

minn P. Donat SPITERI ofm cap

Hu biss San Luqa li jgħarrafna fuq l-intervall ta' erbgħin jum bejn il-qawmien ta' Ġesù mill-imwiet u t-tlugħ tiegħu fis-smewwiet, u dan fil-Ktieb ta' l-Atti ta' l-Appostli biss (Atti 1, 3 ). Skond Luqa, kif nifhmu minn kliemu, dan kien żmien tad-dehriet ta' Ġesù lid-dixxipli tiegħu. L-erbgħin jum juru n-numru magħluq (*numerus clausus*) taż-żmien li fih Ġesù kellu jidher lid-dixxipli biex iwettaqhom fil-fidi tagħhom bil-qawmien tiegħu mill-imwiet. Kien iż-żmien riservat għad-dehriet tiegħu.

Dan ma jfissirx li Ġesù ma setax jidher ukoll barra minn dan iż-żmien. Fil-fatt, kif jirrakkonta San Luqa wkoll, barra minn dan iż-żmien deher ukoll lil Sawl fit-triq ta' Damasku (Atti 9, 1-9). Lanqas ifisser li Ġesù kellu bżonn erbgħin jum biex jagħmel id-dehriet tiegħu. Il-ftit dehriet li għamel, skond ir-rakkonti li jagħtuna l-Evanġelisti (ara wkoll 1 Korintin 15, 5-7), seta' għamilhom kollha fi ftit jiem, kif qal San Pawl fis-sinagoga ta' Antjokja ta' Pisidja: "Għal ħafna jiem baqa' jidher lil dawk li kienu jitilgħu miegħu mill-Galilija lejn Ġerusalemm" (Atti 13, 31).



Fuq kollox Ġesù, wara li qam mill-imwiet, ma kellux bżonn żmien u mkien bħallikieku ried ikollu xi "mkien" fejn joqgħod qabel jitla' s-sema għand il-Missier. Il-ħajja ta' Ġesù wara l-qawmien ma kinitx il-ħajja fiżika tal-ġisem li kellu qabel mewtu fuq din l-art. Kienet ħajja ġdida, il-ħajja ta' dejjem, sopranaturali, li hi l-istess ħajja ta' Alla, Ġesù qam mill-mewt igglorifikat, bil-"ġisem glorjuż" (Fil 3, 21), imlibbes - bħala bniedem ukoll - b'dik il-glorja li, bħala Alla, kellu mal-Missier qabel ma kienet id-dinja (Ġw 17, 5). Biex nifhmu xi ħaġa fi kliemna ta' bnedmin li aħna ngħidu li daħal fil-glorja tas-sema jew, kif nistqarru fil-Kredu, li tela' fis-smewwiet u qiegħed in-naħa tal-lemin ta' Alla l-Missier li jista' kollox.

B'dan il-kliem nifhmu nfissru l-fidi tagħna fil-misteru tal-glorifikazzjoni ta' Ġesù. Imma din il-glorifikazzjoni ta' Ġesù ma ġratx storikament fi spazju ta' żminijiet suċċessivi kif jippreżentaha San Luqa: l-ewwel il-passjoni u l-mewt ta' Ġesù, imbagħad il-qawmien tiegħu mill-mewt, imbagħad it-tlugħ tiegħu fis-sema wara erbgħin jum, u fl-aħħar il-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu (ara Atti 1, 3-11; 2, 1-4).

Hawn tidħol it-teoloġija ta' San Ġwann fuq il-glorifikazzjoni ta' Ġesù. Taħt din il-kelma jiġbor f'realtà waħda l-erba' aspetti tal-misteru ta' Kristu. L-erbgħa huma

partijiet essenzjali tal-glorifikazzjoni totali ta' Ġesù, u l-erbgħa flimkien jagħmlu ħaġa waħda. Il-mewt tiegħu fuq is-salib hi diġà l-bidu tat-tlugħ glorjuż tiegħu (Ġw 3, 13-14; 12, 32). U l-qawmien tiegħu mill-mewt hu ħaġa waħda mat-tlugħ tiegħu għand il-MIssier (Ġw 20, 17). Hekk ukoll hu d-don ta' l-Ispirtu s-Santu mogħti minn Ġesù lid-dixxipli tiegħu. San Ġwann jgħarrafna li Ġesù tahom l-Ispirtu s-Santu malli gie gglorifikat bil-qawmien tiegħu mill-imwiet u bit-tlugħ tiegħu fis-smewwiet (Ġw 20, 22; ara Ġw 7, 39).



*It-Tlugħ ta' Ġesù fis-smewwiet.*
*Andrea Mantegna (1431-1506)*
*Galleria Degli Uffizi, Firenze.*

*Fil-paġna ta' qabel:*
*Il-Qawmien ta' Ġesù mill-mewt.*
*Pietro Vanucci (Il Perugino)*
*(1448-1523)*
*Palazzo Apostolico,*
*Appartamento Pontificio*

M'għandniex nifirdu minn xulxin il-qawmien ta' Ġesù u t-tlugħ tiegħu fis-sema bħala żewġ ġrajjiet differenti b'intervall ta' żmien bejniethom, bħallikieku Ġesù l-ewwel qam mill-mewt u mbagħad wara erbgħin jum (la fl-art u lanqas fis-sema!) tela' fil-glorja ta' Alla l-Missier. Bil-qawmien mill-mewt Ġesù kiseb il-ħajja l-ġdida u daħal mill-ewwel fil-glorja tiegħu. Il-qawmien tiegħu mill-imwiet u t-tlugħ tiegħu fis-smewwiet huma żewġ aspetti ta' l-istess realtà tal-glorifikazzjoni tiegħu. Dan il-ħsieb, minbarra x-xhieda tar-raba' Evanġelista, insibuh f'testi oħra tat-Testment il-Ġdid (Atti 2, 32-33; 5, 30-31; Fil 2, 8-9; 1 Pt 3, 21-22; u oħrajn).

Minn dan kollu għandna nifhmu li n-numru ta' erbgħin jum li jsemmi San Luqa għandna neħduh f'sens simboliku, fis-sens ta' spazju ideali li jgħaqqad iż-żewġ festi kbar tal-Lhud, l-Għid il-Kbir u Għid il-Ħamsin, li għall-Insara, fid-dawl tar-rivelazzjoni ta' Ġesù Kristu, saru żewġ festi li jfissru u jfakkru r-realtà sħiħa tiegħu u s-sens ġdid li hu tahom bl-opra ras-salvazzjoni tiegħu. San Luqa għaraf li dan l-intervall artifiċjali kien żmien tajjeb għad-dixxipli ta' Ġesù biex iħejju ruħhom għall-miġja ta' l-Ispirtu s-Santu u għall-missjoni tagħhom li jkunu xhieda ta' Ġesù Kristu bil-grazzja tiegħu. Għalhekk ippreżentah bħala ż-żmien tad-dehriet ta' Ġesù bi tħejjija għal dan il-ministeru tagħhom.

In-numru 40 hu magħruf fil-Bibbja bħala numru simboliku ta' tħejjija għal xi missjoni importanti ta' nies qaddejja ta' Alla: Mosè (Eż 24, 18; 34, 28); Elija (1 Slat 19, 8); Iżrael fid-deżert (Num 14, 34; ara 13, 25); u Ġesù Kristu wkoll (Mt 4, 2 par). Dan hu wkoll il-valur simboliku ta' l-erbgħin jum tad-dehriet ta' Ġesù lid-dixxipli wara li qam mill-imwiet sa ma tela' fis-smewwiet, skond il-preżentazzjoni ta' San Luqa f'Atti 1, 3. Imma l-istess San Luqa fl-Evanġelju jorbot it-tlugħ ta' Ġesù fis-sema mal-qawmien tiegħu mill-mewt fid-dehra li Ġesù għamel lid-dixxipli tiegħu dak inhar stess tal-qawmien tiegħu. Din id-dehra lid-dixxipli - l-ewwel u l-aħħar skond l-Evanġelju ta' Luqa - għalqet bit-tlugħ ta' Ġesù fis-sema (Lq 24, 51). ❑



*It-Tlugħ ta' Ġesù fis-smewwiet.*
*Rembrandt*
*(1606-1669)*
*Alte Pinakothek,*
*Monaku.*

# Siġra mxettla sitta u għoxrin sena ilu

minn P. Frans BALDACCHINO ofm cap

L-EWWEL PARTI





*Gruppi ta' missjunarji Kapuċċini Maltin u missjunarji oħra barranin flimkien ma' l-Isqof Pawlu Darmanin u xi voluntiera lajċi Maltin u barranin.*

***Kull omm titgħaxxaq tara lil bintha ta' sitta u għoxrin sena, u tħares lura biex iġġedded il-memorja meta kienet tafha tarbija, tfajla mdaqqsa, xbejba, għarusa, u issa hi wkoll omm ta' tarbija. Jiena wkoll nixtieq inħares lejn id-Djoċesi ta' Garissa biex nara l-progress li għamlet dawn l-aħħar sitta u għoxrin sena. Kienet missjoni bi ftit insara mxerrdin f'seba' rħula mbiegħda minn xulxin u moqdija minn ħames saċerdoti ta' tliet ordnijiet reliġjużi differenti. Ftit kienu dawk li xtaqu jaħdmu fiha. Kellhom tama żgħira fiha. Illum l-istampa hi oħra.***

### DARI U LLUM

F'Jannar tal-1974, fiż-żona li llum hi d-Djoċesi ta' Garissa, il-Knisja kienet preżenti f'ħames postijiet: Mandera, Wajir, Garissa, Hola, Wema/Garsen. Illum nistgħu ngħidu li kull wieħed minn dawn fetaħ ċentri oħra, hekk illi Mandera għandha lil El Wak, Wajir lil Habeswein, Garissa lil Madogo, Mororo u St Peter's, u Hola, li kienet isservi lil Wenje, tilħaq sensiela ta' ħafna rħula li għandhom komunità nisranija mdaqqsa, knisja u bosta servizzi soċjali.

Bejn Garissa u Hola, imbagħad, f'Bura, il-Gvern beda proġett ta' 24 raħal madwar għelieqi kbar tal-qoton. Dan ġab għadd kbir ta' nies minn parroċċi oħra. Kien hemm żmien meta kien sejjer tajjeb, imbagħad tħarbat u bosta nies abbandunawh. Issa qiegħed jerga' jqum fuq saqajh u hu mistenni li ħafna nies jerġgħu lura lejn Bura.

Minn Wema l-patri kien jilħaq Garsen, u bejn darba jew darbtejn fis-sena, kien iqatta' ġimgħa fuq il-gżira ta' Lamu. Imma llum iservi wkoll Moa u Izoe. Minn Wema ġie ppjanat il-ftuħ tal-missjoni f'Tarasaa, fuq naħa waħda, u ta' Witu - Kipini, fuq in-naħa l-oħra.

Issa f'Lamu hemm komunità nisranija u knisja f'post l-aktar ċentrali. Bejn Wema u Lamu saru żviluppi tal-għaġeb li biddlu l-wiċċ kollu tal-missjoni ta' Garissa.

Il-Gvern, fi Mpeketoni, qassam l-art (madwar 400 km kwadrat) ta' foresta lil bdiewa li ġew minn bnadi oħra tal-pajjiż u fiha jinsabu jgħixu madwar 25,000 ruħ, iżjed minn nofshom Kattoliċi, li huma moqdijin minn disa' knejjes, b'dar tal-formazzjoni tal-Kapuċċini, żewġ kunventi tas-sorijiet u dar tas-soċi tal-Mużew. Xi wħud minn dawn l-insara, jew uliedhom, marru jaħdmu jew jgħixu fuq il-gżira Lamu, f'Mokowe u f'Hindi, li fl-antik kienu Musulmani u llum huma mħalltin.

L-istess ġara qrib Wema stess bil-ftuħ ta' medda kbira ta' art mogħtija biex tippro-duċi kwantità kbira ta' ross, li għandu jkun bizzejjed biex il-Kenja ma tixtrix iktar ross minn barra. Meta jkun imwettaq għal kollox, dan il-proġett għandu jġib bosta nies minn inħawi oħra tal-pajjiż, li normalment ikunu Nsara u Kattolici. Dan għad ikattar bil-bosta l-popolazzzjoni kattolika tad-Djoċesi ta' Garissa.



Xellug:
*P. Frans Baldacchino jiġbor in-nies għall-quddiesa f'wieħed mill-villaġġi*

Imma iktar ma jiġu nies joqogħdu fiha, iktar ikollha bżonn ta' saċerdoti, sorijiet, lajci formati, knejjes u bini ieħor fejn inkunu nistgħu naqduhom fil-bżonnijiet tagħhom. Magħhom ukoll hemm il-possibiltà li l-Gvern jiftaħ friegħi oħra tad-dipartimenti tiegħu: u anki li jiġu predikaturi ta' Knejjes oħra, li jippruvaw idawru l-Insara tagħna għal magħhom.

Sitta u għoxrin sena ilu bdejna b'żewġ patrijiet Kapuċċini, erbgħa *Consolata*, tnejn tal-*Holy Ghost*, u tnejn ta' *Charles de Foucauld* ta' Cuneo. Illum hemm tnejn ta' *Charles de Foucauld*, tnejn tal-*Holy Ghost*, tlieta tas-Soċjetà ta' San Pawl (Spanjoli), ħamsa *Mill Hill*, tmien Kapuċċini Maltin u ħames Kapuccini Kenjani.

Fejn is-sorijiet kienu jservu f'Wema biss, issa jinsabu f'Mandera u El Wak (*Charles de Foucauld* - Taljani), f'Wajir (Frangiskani tal-Qalb ta' Ġesù - Maltin), f'Garissa u Hola (*St Joseph of Tarbes* - Indjani), u fi Mpeketoni (*Daughters of the Sacred Heart* - Maltin, Indjani u Tanzanjani). Ma kinux biss s-sorijiet li ħadu minn idejn is-saċerdot ħafna xogħol li huma jafu jagħmluh sewwa, bħas-servizz mediku u l-laqgħat man-nisa, imma anki bosta sekulari qegħdin jgħinu jew mas-sorijiet jew mal-patrijiet; hekk il-ħidma tagħhom qiegħda tilħaq ħafna iktar nies u s-saċerdot jista' jintefa iżjed fuq ix-xogħol pastorali.

Dan il-kuntatt u s-servizz ta l-iżvilupp u l-frott tiegħu wkoll għall-bini tal-Knisja fil-Kenja. Minn Mpeketoni ħarġu ħafna sejħiet għal sorijiet, qassis, patri, u seminaristi oħra. Hu fi Mpeketoni li l-Kapuċċini bnew id-dar ta' l-ewwel formazzjoni għall-kandidati tagħhom. Fi djar oħra, sorijiet u patrijiet jibagħtu l-kandidati tagħhom biex jagħmlu esperjenza tal-ħajja reliġjuża qabel ma jaslu biex jagħmlu l-professjoni reliġjuża tagħhom. ❑



*L-ewwel żewġ saċerdoti Kapuċċini Kenjani*

## NIXFA KBIRA

Bħalissa fin-*Northeastern Africa* hemm nixfa kbira bir-riskju li mas-16-il miljun ruħ ibatu l-ġuħ. F'din il-parti ta' l-Afrika għandna l-patrijiet Kapuċċini fl-istazzjon ta' Wajir, Djoċesi ta' Garissa, u fil-missjoni ta' l-Etjopja. Sitwazzjoni bħal din kienet ġrat ukoll ħmistax-il sena ilu fejn mietu mal-miljun ruħ. Din is-sena diġà mietu 85 ruħ f'Wajir bil-ġuħ. Is-Segretarju Ġenerali tal-Ġnus Magħquda, Kofi Annan, ħeġġeġ kemm lill-organizzazzjonijiet voluntarji internazzjonali kif ukoll lill-mexxejja tal-pajjiżi biex jagħtu s-sehem tagħhom ħalli tiġi evitata katastrofi oħra.

Min jixtieq jgħin lill-missjoni tagħna f'Wajir u fl-Etjopja jista' jikkuntattja lil Fr. Joe Alessandro, Uffiċċju Missjoni Kapuċċini, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana VLT 14, jew iċempel 233874/225525/234949; Fax: 235955; E-Mail: ofmcap@keyworld.net

# L-Għeruq ta' Vokazzjoni Missjunarja



Fr. Philip u n-Nunzju Appostoliku tal-Vatikan għal Kuba.

***Fl-aħħar artiklu tiegħi, qsamt magħkom ftit riflessjonijiet dwar is-sejħa missjunarja fil-prospettiva tal-faqar evanġeliku u franġiskan. Illum ser nikteb dwar dak li nemmen li kienu l-għeruq ta' din is-sejħa missjunarja fija. Jiġifieri x'kienu r-raġunijiet jew motivazzjonijiet prinċipali biex nagħti bidu għal din l-esperjenza ġdida f'ħajti.***

***Dan li qed nikteb huma riflessjonijiet personali li mhux bil-fors jaqbel magħhom kulħadd. Huma "personali" għalhekk xi ħaġa li għaddejt minnha u għadni għaddej minnha jien. U bħall-esperjenzi kollha li lkoll kemm aħna ngħaddu minnhom matul ħajjitna, allavolja jidhru li huma l-istess, qatt ma huma ugwali għal kulħadd. Jixxiebħu iva, imma l-istess qatt. Kull missjunarju jirrakkonta l-esperjenzi missjunarji tiegħu mill-aspetti ta' kif iħares lejhom hu, ta' kif jolqtu lilu personalment u ta x'tip ta' influwenza dawn ikunu ħallew fuqu. Li nixtieq huwa li nagħti lili nnifsi lilkom, ħbieb tiegħi, bl-esperjenzi personali tiegħi.***

minn P. Philip CUTAJAR ofm cap

Meta ftit xhur ilu bdejt nitkellem bil-miftuħ dwar is-sejħa missjunarja li bdejt inħoss kienu diversi dawk li staqsewni: "Kif ġietek il-vokazzjoni missjunarja?" Fil-qosor se nipprova nagħti tweġiba għal din il-mistoqsija.

• Meta nitkellmu minn vokazzjoni, aktar u aktar vokazzjoni missjunarja, qatt ma nistgħu neskludu l-intervent dirett ta' Alla. **Kull vokazzjoni hija ġejja minn Alla.** Għalhekk l-ewwel risposta għall-mistoqsija dwar kif ġietni il-vokazzjoni missjunarja, speċjalment fl-età ta' ħamsin sena, dejjem irrid nagħmel riferenza diretta lejn Alla bħala l-awtur prinċipali li jsejjaħ u jibqa' jsejjaħ lil min irid, fejn irid u meta jrid. Abraham kellu 75 sena meta Alla sejjaħlu biex jitlaq dar missirijietu u jterraq lejn Kaanan (Ġen 12, 4). U lil Mosè Alla sejjaħlu sabiex jeħles lil-Lhud mill-iskjavitù ta' l-Eġittu meta kellu 80 sena (Atti 7, 30). Nista' ngħid li din is-sejħa missjunarja Alla ilu li poġġieha f'qalbi snin twal ilu. Imma issa wasal iż-żmien matur sabiex din il-vokazzjoni tiġi realizzata.

• Meta nitkellmu minn vokazzjoni missjunarja nkunu qed nitkellmu minn vokazzjoni speċjali ta' mħabba. Kull vokazzjoni hija sejħa ta' mħabba lejn Alla u lejn il-proxxmu. Mhux il-ħsieb tiegħi li noqgħod noħloq paraguni bejn vokazzjoni u oħra għalkemm mhux kollha huma l-istess.

B'esperjenza personali nista' ngħid ii l-vokazzjoni missjunarja hija **vokazzjoni ta' mħabba**. Dak inhar ta' l-24 ta' Ottubru, nhar il-Ġurnata Missjunarja u proprju lejlet it-tluq tiegħi minn Malta, l-Isqof Pawlu Darmanin, fl-omelija tal-Quddiesa li saret għall-okkażjoni qal: "Il-vokazzjoni missjunarja hija grazzja fuq grazzja". Din hija verità. Però jiena immur aktar lil hinn minn hekk. Hija wkoll vokazzjoni ta' mħabba. Nista' ngħid li wasal mument f'ħajti fejn l-imħabba tiegħi riedet tesplodi. Dak li kont qed nagħmel, kif kont qed inħobb, ma kienx biżżejjed. Ridt nagħmel xi ħaġa aktar minn hekk. U bħal donnu Malta ma wesgħatx biżżejjed l-imħabba tiegħi. Ridt noħroġ minn pajjiżi biex immur f'pajjiż akbar, ma' aktar nies li huma aktar imċaħħda u għalhekk aktar għatxana u fil-bżonn ta' l-imħabba ta' Alla. U l-għażla ta' Alla għalija kienet Kuba, gżira kbira b'popolazzjoni ta'11-il miljun fejn 35 fil-mija huma Kattoliċi. L-imħabba kbira għas-Saltna



Tfal tal-katekiżmu mill-Parroċċa ta' Santa Ana.

ta' Alla hija wkoll wieħed mill-għeruq ta' vokazzjoni missjunarja.

• **Is-sens ta' Knisja Universali** huwa fundamentali għal vokazzjoni missjunarja. U nista' ngħid li dan is-sens kien wieħed mill-għeruq li nibbet fija din il-vokazzjoni ġdida. Dan is-sens ta' Knisja Universali kiber fija prinċipalment frott il-kariżma ta' San Franġisk ta' Assisi u mhux inqas frott il-mixja tal-kariżma mħaddna mill-Ordni Franġiskan Kapuċċin. L-istudji li wettaqt, kemm dwar l-identità tal-Knisja kif ukoll dwar il-kariżma Franġiskan, flimkien ma' dak li dejjem, fil-limitazzjonijiet tiegħi, ippruvajt ngħix, għenuni ferm sabiex inkattar fija dan is-sens miftuħ ta' Knisja li ma tiqafx mal-parroċċa fejn twelidt jew fejn qed ngħix, lanqas ma tieqaf ma' pajjiżi, imma li tmur lil hinn mix-xtut ta' Malta ċkejkna bi problemi relattivament ċkejknin. Sens miftuħ fejn tassew id-dinja kollha issir tiegħek; fejn id-dinja ssir il-parroċċa tiegħek. Hawnhekk għenuni wkoll is-snin li għamilt ngħin fil-Moviment Kariżmatiku - li huwa kollu kemm hu moviment ekumeniku, moviment li qiegħed iwieġeb għas-sejħa tal-Knisja tal-lum speċjalment fejn tidħol l-evanġelizzazzjoni universali.



• Mas-sens ta' Knisja Universali nixtieq inżid ukoll **is-sens universali li l-Ordni Franġiskan Kapuċċin jippossiedi**. L-esperjenzi tiegħi ġewwa Ruma (1978-81) bħala student, flimkien ma' l-esperjenzi tiegħi bħala Ministru Provinċjal(1992-98), għenuni ferm sabiex niskopri l-firxa ta' l-Ordni mad-dinja bid-diversi bżonnijiet li għandu f'ħafna pajjiżi. Il-fatt li ma bqajtx biss inħares lejn il-bżonnijiet tal-provinċja tal-Kapuċċini f'Malta imma bdejt inħoss aktar il-bżonnijiet akbar li l-Ordni għandu fid-dinja kienet motivazzjoni oħra li mbuttatni sabiex, bis-sejħa u l-għajnuna ta' Alla, nidħol għal din l-esperjenza missjunarja f'Kuba. It-talba sabiex il-Kapuċċini Maltin imorru Kuba hija ġejja mill-Vatikan (il-Knisja) permezz tal-Ministru Ġenerali (l-Ordni Franġiskan Kapuċċin). Li għedt "iva" għal din is-sejħa jfissir li għedt "iva" mhux biss lil Alla li sejjaħli imma wkoll lill-Knisja u lill-Ordni li tagħhom jiena membru.

Dawn kienu l-erba' għeruq prinċipali mxettla li fuqhom imbniet is-sejħa missjunarja tiegħi u li xtaqt naqsam magħkom.

Xi ħaġa li tgħaġġbek fil-proċess tal-mixja sakemm wasalt biex skoprejt Alla x'qed jitlob minni, insemmi insemmi l-fatt li għalkemm is-sejħa sabiex insir missjunarju ili nħossha għal dawn l-aħħar sitt snin u s-sejħa sabiex inkun missjunarju f'Kuba ili nħossha għal dawn l-aħħar tliet snin, il-Mulej mexa miegħi b'insistenza delikata imma mhux sfurzata. Isejjaħli u fl-istess waqt iħallini fil-libertà. Jiena, ta' bniedem li jien, żammejt lura. Bqajt nittrattieni minn xahar għal xahar. Meta ħadt deċiżjoni finali u iffissajt id-data tal-25 ta' Novembru sabiex nitlaq lejn Kuba, jumejn wara ġietni l-*visa* sabiex inkun nista' nidħol u noqgħod f'dan il-pajjiż. Din għalija kienet esperjenza fejn rajt lil Alla jimxi miegħi u warajja u mhux jiena nimxi miegħu u warajh.

Kemm huwa tassew Alla fidil li jinżel għal-livell tagħna u jimxi magħna sakemm naslu biex inwettqu r-rieda tiegħu!

Sadanittant, insellmilkom filwaqt li nħeġġiġkom biex ma tinsewnix fit-talb ta' kuljum tagħkom. ❑

Fr. Philip Cutajar ofm cap.
Parroquia La Pastora
C/Sindico, 4 entre Cuba y Villuendas
50100 Santa Clara (Villa Clara) CUBA
Tel. 0053-422-26 55 4 Fax 0053-422-28 03 2
E-Mail: aurelioe@antares.transnet.cu

**Kull offerta b'risq il-missjoni tal-Kapuċċini f'Kuba tista' titpoġġa fl-HSBC Acc. No. 444078871 jew titwassal fl-Uffiċċju tal-Missjoni, Kapuċċini, Floriana.**

# Il-Misteru ta' l-Inkarnazzjoni u San Franġisk fil-Filatelija

minn P. Martin MICALLEF ofm cap

## IL-ĦAMES PARTI




**28.** Fil-Milied ta' l-1987, l-Italja tatna sett ta' żewġ bolli, it-tnejn jirrappreżentaw xogħlijiet ta' Giotto. Dik li ġġib fuqha l-valur ta' 500 L, turi lil San Franġisk jiċċelebra l-Milied fi Greccio (ara. n.3).

**29.** Fl-istess sena, fil-21 ta' Diċembru 1987, Sierra Leone, reġa' irriproduċa l-fuljett li kien diġà ħareġ fl-1986 (ara n.25) bil-valur ta' Le 65. Ma' dan il-fuljett ħareġ ukoll sett ta' erba' bolli.




**30.** Fil-Milied ta' l-1988, il-Guyana ħareġ fuljett sabiħ ħafna li jġib id-data tal-15 ta' Diċembru 1988, bil-valur ta' $2. Il-fuljett li ħareġ fl-okkażjoni tal-V Ċentinarju mit-twelid ta' Tiziano, juri l-istess raffigurazzjoni li rajna diġà f'n.25 u n.29. Fuqnett, insibu fih il-bolla li turi l-adorazzjoni tal-Maġi.




**31.** Fl-istess okkażjoni u fl-istess data li rajna diġà fin-n.30, l-istess pajjiż, Guyana, ħareġ fuljett ieħor sabiħ ħafna bil-valur ta' $2. Dan il-fuljett juri lill-Madonna b'Ġesù Bambin fuqha, bilqiegħda fuq is-sħab bi tliet anġli. In-naħa t'isfel fuq ix-




xellug, jidher San Franġisk bilwieqfa. F'idejh il-leminija, li qiegħda tistrieħ fuq sidru, jidhru fiha sewwa l-pjagi. Dawn iservu ta' sfond għall-bolla li turi l-Familja Mqaddsa, pittura ta' Rubens. Il-kwadru ta' Tiziano oriġinarjament kien fil-knisja ta' San Franġisk ġewwa Ancona, l-Italja.

**32.** Fil-15 ta' Novembru 1988, fl-okkażjoni tal-V Ċentinarju mit-twelid ta' Tiziano, El Salvador tana sett ta' żewġ bolli sbieħ, it-tnejn jirrapreżentaw pitturi differenti ta' dal-pittur. Dik li ġġib fuqha l valur ta' 70c turi l-istess pittura li tkellimna fuqha fin-n.31. Din id-darba iżda jidhru aħjar iż-żewġ personaġġi oħra tal-pittura li jinsabu fuq in-naħa tal-lemin: Alvise y El Donante Luigi Gozzi.




**33.** Fis-sena ta' wara, għall-festa tal-Milied, fl-20 ta' Novembru 1989, l-Aitutaki ħareġ fuljett




sabiħ immens *(fuq)* u set ta' erba' bolli *(isfel)* li juru dettalji minn dal-fuljett. Il-fuljett li għandu fuqu l-valur ta' $6 iġib fuqu l-istess stampa ta' n.31, bid-differenza li l-figura ta' San Franġisk hi maqtugħa minn għarkobbtejha 'l isfel. ❑

*(Ikompli fil-Ħarġa ta' Ġunju)*














# Il-Grazzja tax-Xogħol

minn P. Frans ABELA ofm cap

## Jeddijiet u dmirijiet tal-ħaddiema

Il-jedd għax-xogħol u d-dmir li dan jitwettaq sew joħorġu mill-grazzja ta' Alla għax-xogħol. Ix-xogħol mhux rigal ta' min iħaddem lill-ħaddiem imma hu għotja ta' Alla li jipprovdi lis-sid: flus, għana, jew mezzi oħra li bihom soltu jinħoloq ix-xogħol. U daqskemm is-sid ma għandux japprofitta ruħu u jżeblaħ lill-ħaddiem b'xogħol li jipperikola saħħet il-ħaddiem jew ibaxxilu d-dinjità umana, daqstant ieħor il-ħaddiem ma għandux iġib fix-xejn il-grazzja tax-xogħol billi ma jagħtix sehmu sħiħ fih. Lil min jiskarta minn fuq ix-xogħol, lil min jitnikker jew jaħdem bi traskuraġni, għandu ċ-ċanfira iebsa ta' Ġesù fit-tixbiha tat-talenti: "Ja qaddej ħażin u għażżien" (Mt 25, 26). Għalhekk għat-Terzjarju ma jeżistix biss it-twettiq tal-kuntratt tax-xogħol u daqshekk, imma dak li hu aktar radikali, lealtà lejn l-awtur tal-grazzja tax-xogħol, lealtà lejn Alla. Għalih, mal-jedd li jsib fejn jaqla' ħobżu, jeżistu dmirijiet sagrosanti lejn min iħaddmu. Dan joħroġ mit-tagħlim soċjali tal-Knisja f'dak li għandu x'jaqsam mar-relazzjonijiet ta' bejn min jaħdem ma' min iħaddem.

## Ħlas jew il-paga mhumiex kontra l-faqar

Għalkemm kliem San Franġisk "li l-Aħwa, bħala ħlas tax-xogħol, jistgħu jaċċettaw dak kollu li hu meħtieġ għall-għejxien, minbarra flus jew għana" hu indirizzat lill-Aħwa reliġjużi, xorta waħda din in-norma u t-tħeġġiġa tgħodd għat-Terzjarju għax fiha implikazzjoni li tolqot lilu wkoll. Li taħdem biex tgħix int u tgħajjex deċentement lill-familja hi ħaġa sewwa u xierqa,



però li titħanżer fix-xogħol mhux għax finanzjarjament għandek bżonn imma sempliċement biex takkumula l-għana u tgħix fil-lussu, dan mhux stat ta' ħajja fran-ġiskana. U hu hawn li t-Terzjarju għandu joqgħod attent. Meta jilqa' idu għax-xogħol li għamel u jfaddal u jwarrab xi ħaġa għal dak li jista' jinqala', ma hemm xejn ħażin. Anzi! Imma l-kilba żejda għall-flus, b'detriment għall-ħajja tar-ruħ jew b'telqa tal-ħajja familjari jew tal-Fraternità, hi kontra l-faqar.

## Għeluq

Kelma ta' l-aħħar. Għedna li x-xogħol huwa grazzja. Veru. Imma hu anke warda li xi drabi tnigges u tweġġa' mhux biss bir-rutina jew kundizzjonijiet iebsa li jġib miegħu ċertu xogħol, imma anke minn tilwim mhux dejjem evitabbli li jwassal għal azzjonijiet industrijali li jkollhom jittieħdu.

F'ċirkustanzi bħal dawn, it-Terzjarju jrid ikun midħla u prattiku tan-numru dsatax tar-Regola li biha ntrabat: "Bħala dawk li jwasslu l-paċi, li trid tinbena bla tieqaf, huma fid-dmir li jfittxu t-toroq ta' l-għaqda u tal-ftehim fratern.

Dan iseħħ permezz tad-djalogu, b'qalbhom qawwija li fil-bniedem hemm ix-xrara ta' Alla, u li l-imħabba u l-maħfra għandhom il-qawwa li jġeddu kollox. Bħala ħabbara ta' l-għola ferħ, għandhom ifittxu, f'kull ċirkustanza tal-ħajja, li jwasslu 'l-oħrajn il-ferħ u t-tama". ❑

# Il-Vizzju

minn Melchior Pace gi.fra.



Fil-ġenn li ż-żgħażagħ ikollhom biex ifittxu juru li huma kibru u li issa huma kapaċi jieħdu deċiżjonijiet għalihom infushom u jmexxu l-ħajja tagħhom, jista' jiġri li, f'ċirkustanzi li forsi ma jkollhomx kontroll fuqhom, għaliex tegħlibhom il-kurżità u biex ma jkunux inqas mill-oħrajn, jagħti l-każ li jinqabdu b'xi vizzju. Il-vizzju jidħol malajr u joħroġ bil-mod.

Il-vizzju tant jidħol f'ħajtek li jsir parti minnek u jibda jikkmanda hu lilek, għax jiġbdek u jmexxik hu. Il-vizzju ma jħallikx tgħix ta' bniedem. Ma jkabbrekx. Iżda, żgur mhux forsi, jagħmillek ħsara fis-saħħa u fil-but. Taħseb int li għax tpejjep, għax tixrob, għax tieħu d-droga, b'daqshekk ser turi lis-soċjetà li int kbirt? Biż-żmien tinduna bid-differenza li ssir fik bejn qabel ma bdejt bil-vizzju għal meta dan ikun ħakmek.

X'iġib miegħu l-vizzju? Inkwiet fil-familja, inkwiet fuq ix-xogħol, il-paga ma tibqax isservik u problema waħda fuq l-oħra. Titlef kull kontroll. U dan għax xi darba kont ħsibt li għax kbirt stajt tikkmanda kollox int u tagħmel li trid.

Aktar ma l-vizzju jidħol 'il ġewwa, aktar tibda ċċedi għalih. Jibqa' jaħkmek.

Iżda le; qatt mhu tard wisq, ħabib jew ħabiba. Hemm dejjem ir-rieda li kif dħalt fih, tista' toħroġ rebbieħ minnu bl-għajnuna ta' xi persuni oħra u fuq kollox bl-għajnuna tal-Mulej. Il-vizzju mhux aqwa minnek! Importanti li tinduna bl-iżball u li verament tkun trid tieqaf. Issib l-għajnuna meħtieġa u fuq kollox iddur lejn il-Mulej li jgħinek tinduna bl-iżball u jagħtik il-qawwa sabiex tibda tgħix ħajja ġdida. KURAĠĠ! ❑


**STEDINA**

**għaż-żgħażagħ**

Jekk int żagħżugħ/a bejn 16 u 30 sena u tixtieq tibda tagħmel parti minn fraternità ta' żgħażagħ, din hi proprju l-opportunità għalik.

**FEJN?** Ċentru Kultura Franġiskana, Floriana (ħdejn i-knisja tal-Kapuċċini)

**META?** It-Tnejn u l-Ħamis mis-6pm sad-9pm

**X'IKUN HEMM?** Laqgħat ta' formazzjoni u informazzjoni. Logħob u divertiment. Social work.

Għal aktar tagħrif ċempel lil Keith Spiteri fuq 225592 jew 238653

# IL-MAĦFRA

## Li twassal għall-qawmien sħiħ fi Kristu

minn Sr. Agnese ZAMMIT o.g.

Ninsabu fi żmien speċjali, fis-Sena tal-Ġublew il-Kbir. Dan huwa żmien li fih il-Knisja, aktar mis-soltu, tħeġġiġna biex niltaqgħu mal-Kelma ta' Alla billi nisimgħuha u nħalluha ssaffi l-memorja tal-mibegħda, tfejjaqna mir-rabja u mix-xewqat li npattu. Dan ifisser, li dik jew l-ieħor li darba għamlulna l-ħsara, xorta jibqgħu wlied Alla. Dan li jrid Alla minna f'dan iż-żmien speċjali, li nagħmlu esperjenza fid-deżert. Inħallu l-Ispirtu Qaddis ilaqqagħna aktar magħna nfusna billi naraw fiex aħna fil-ħajja spiritwali tagħna. Kemm qed naħfer? Sa kemm tieqaf il-maħfra tiegħi? Naħfer iva, ninsa le? Imma aħna kif qed nibnu l-ħajja spiritwali tagħna bħala poplu nisrani?



Kulħadd xi darba jew oħra weġġa' bi kliemu jew għemilu lil Alla, imma, wara ftit għamel l-esperjenza sabiħa tal-maħfra. Alla, nagħmlulu x'nagħmlulu, xorta jibqa' jaħfrilna. Allura jien miniex kapaċi naħfer lill-oħrajn li huma wkoll xbieha ta' Alla.

***"Pietru resaq lejn Ġesù u qallu: Mulej, xi kemm-il darba jrid jonqosni ħija biex jien naħfirlu? Sa seba' darbiet? Ma ngħidlekx sa seba' darbiet, wieġbu Ġesù, imma sa seba' u sebgħin darba."***
**(Mt 18, 21-22)**

Mela f'kelma waħda l-maħfra rrid nipprattikaha l-ħin kollu f'ħajti biex il-ħin kollu nirċeviha lura. Jien, li jien persuna limitata, u rrid li nsib ħniena mill-oħrajn, irrid inkun l-ewwel li nħaddimha. Il-maħfra hija l-għodda tal-ferħ u l-paċi tal-qalb. Issib min dejjem jgħix esperjenza iebsa ta' l-imgħoddi; ġieli mhux ta' sena imma ta' ħafna snin ilu. Il-maħfra hija don sabiħ, għax meta taħdimha u tagħtiha, tħallik għanja bil-paċi. Din mhux kulħadd huwa kapaċi li jagħtiha; hawn min lanqas *sorry* ma hu kapaċi jgħid, aħseb u ara kemm se jaċċetta s-*sorry* ta' l-oħrajn.

***"Għax jekk intom taħfru lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, Missierkom li hu fis-smewwiet jaħfer lilkom ukoll. Imma jekk intom ma taħfrux lill-bnedmin il-ħtijiet tagħhom, anqas Missierkom ma jaħfer lilkom il-ħtijiet tagħkom."*** **(Mt 6,14-15)**

San Girgor ta' Nissa jgħid: "Alla għandu bżonn l-eżempju tajjeb tiegħek biex jagħmel bħalek fejn tidħol il-maħfra tad-dnubiet." Għalhekk quddiem dawk li taħseb li huma għedewwa tiegħek - kultant ġudizzju tagħna biss ikun - irrid nieqaf nitkellem kontrihom, billi nostorhom. Għalkemm mhux faċli li naħfrilhom, imma nitlob għalihom. Mill-kliem għall-fatti hemm baħar x'taqsam, imma Alla, li huwa kollu mħabba u perfett, dan li qiegħed jistenna mingħandna; li naħfru biex hu jkun jista' jaħfer lilna. Alla biss jaf kemm aħna midjunin miegħu, u hu, fi tjubitu, jkompli bla waqfien jaħfrilna. Imma jekk jidħol hu fil-qalb tagħna, mhux biss jagħtina sentimenti ta' ndiema, imma anke kuraġġ biex b'umiltà erojka naslu li naħfru lil min hu ħati għalina. Dan mhux bil-paroli biss imma bil-fatti, li ħafna drabi joħorġu minna għaraq tad-demm. Imma dan huwa li jrid Alla minna: li nħobbu l-għedewwa tagħna u anki nitolbu għalihom.

***"Min iħobb 'il ħuh, jgħammar fid-dawl, u fih ma hemm ebda tfixkil. Iżda min jobgħod 'il ħuh jinsab fid-dlam; jimxi fid-dlam u ma jafx fejn hu sejjer, għax id-dlam għamielu għajnejh."***
***(1 Ġw 2, 10-11)***

Kuraġġ! Kull darba li taħfer int se tiskopri ħajja ġdida li twassal għall-qawmien fi Kristu. ❑

# MEA CULPA

# Il-Papa jitlob maħfra

Wieħed mis-sinjali li jsemmi l-Papa Ġwanni Pawlu II u li jikkaratterizzaw il-Ġublew il-Kbir huwa t-**tisfija tal-memorja**. X'inhi?

"Din hi sejħa għal kulħadd biex juri kuraġġ u umiltà ħalli jagħraf l-iżbalji li saru minn dawk li kellhom jew għandhom l-isem ta' nsara...

Minħabba r-rabta li torbotna flimkien fil-Ġisem mistiku aħna lkoll, għalkemm mhux personalment responsabbli, u mingħajr ma nindaħlu fil-ġudizzju ta' Alla, li waħdu jagħraf kull qalb, aħna mgħobbijin bl-iżbalji u l-ħtijiet ta' dawk li ġew qabilna...

Bħala suċċessur ta' San Pietru nitlob biex f'din is-sena ta' grazzja u ta' ħniena, il-Knisja qawwija bil-qdusija li tirċievi mingħand Sidha, tinżel għarkobbtejha quddiem Alla titlob maħfra għad-dnubiet ta' issa u ta' l-imgħoddi ta' wliedha kollha. Kulħadd dineb - m'hemmx bniedem li ma dinibx quddiem Alla...

L-insara huma mistiedna jistqarru quddiem Alla u quddiem dawk li offendew b'għemilhom il-ħtijiet li għamlu. Ħa jagħmlu dan mingħajr ma jistennew xejn bi tpattija, imma mqawwijin biss mill-imħabba li ssawwbet fi qlubna." (*Incarnationis Mysterium, 11)*

Il-Papa, fl-ewwel Ħadd tar-Randan talab maħfra f'isem il-Knisja Kattolika kollha għall-ħtijiet li l-insara wettqu matul iż-żminijiet u li għadhom iwettqu llum, fosthom:

- għall-firdiet bejn l-istess insara kemm bejn dawk tal-Lvant (Ortodossi) u l-Punent, kif ukoll fost dawk tal-Punent bejn Kattoliċi u Protestanti;
- għall-vjolenza li setgħet intużat biex jiġu mħarsin veritajiet u tagħlim tal-Knisja;
- għall-firda bejn l-Insara u l-Lhud;
- għall-ħtijiet li qed jitwettqu llum minn bosta nsara kontra l-valur tal-ħajja, tal-familja, tal-ġustizzja u tad-dinjità tal-persuna umana. *(Memoria e riconciliazione: la Chiesa e le colpe del passato)*

Jalla ħadd f'din is-sena tal-Ġublew ma jkun irid iżomm ruħu 'l bogħod mit-tgħannieqa tal-Missier. Jalla ħadd ma jġib ruħu bħall-iben il-kbir tal-parabbola ta' l-Evanġelju li ma riedx jidħol id-dar biex jifraħ. Jalla l-ferħ tal-maħfra ikun aktar qawwi u aktar kbir mir-riżentiment. *(Incarnationis Mysterium, 11)* ❑

## L-INDULĠENZA! X'INHI?

L-Indulġenza għandha x'taqsam mad-dnub u mal-maħfra.

Id-dnub iġib miegħu żewġ konsegwenzi: id-dnub il-mejjet itellfilna l-għaqda ma' Alla (il-piena ta' dejjem), u kull dnub, ukoll venjali, iġib miegħu rabta ħażina mal-ħlejjaq li trid titfejjaq jew f'din id-dinja jew wara l-mewt (il-piena taż-żmien). Dawn il-pwieni joħorġu min-natura stess tad-dnub.

"Il-piena ta' dejjem" tinħafer bis-sagrament tal-qrar, iżda "il-piena taż-żmien" tinħafer b'għemejjel ta' ħniena u ta' mħabba, flimkien mat-talb u mal-penitenza.

L-indulġenza hija l-maħfra quddiem Alla ta' parti mill-piena taż-żmien (indulġenza parzjali) jew tal-piena kollha (indulgenza plenarja). Kull indulgenza tista' tintrebaħ għall-ħajjin u għall-mejtin. *(ara* Il-Katekiżmu tal-Knisja Kattolika, *1471-1473)*

Il-kundizzjonijiet għar-rebħ ta' l-indulġenza tal-Ġublew huma:

- Il-qrara sagramentali li tibdilna mill-qalb.
- Is-sehem fil-quddiesa u t-tqarbina.
- Il-pellegrinaġġ jew viżta fi knisja parrokkjali jew f'postijiet oħra ndikati mill-awtoritajiet ekkleżjatiċi.
- It-talb: Kredu, Missierna, Sliema, u Glorja skond il-fehma tal-Papa.
- Karità: mal-fqar, morda, anzjani weħidhom, persuni bi ħtiġiet speċjali, orfni, żgħażagħ bi problemi, ħabsin ecc.
- Xi penitenza: ċaħda minn xi ħaġa li mhux meħtieġa għal ġurnata sħiha. ❑



minn P. William AXIAQ ofm cap

# Father,

*Jiena mara miżżewġa. Ma rridx noqgħod niftaħar, imma emminni meta ngħidlek li l-għaxqa tiegħi hi li ningħata għal kollox għal żewġi u għal uliedi. Iżjed ma naħdem, iżjed qed nara ngratitudni ma' wiċċi. Ir-raġel qed jgħid lit-tfal subien tagħna: "Meta tiddeċiedu li tiżżewġu, fittxu li tagħżlu mara li ma tkunx tixbah lil ommkom!" Barra minn hekk, lit-tfal bniet u subien deffsilhom f'rashom li jien ma nġibx flus id-dar, għax ma noħroġx naħdem bħalma jagħmel hu. Jekk xtrajtlu rigal nhar San Valentino, ir-rigal xtrajthulu minn flusu stess li jġib id-dar frott ta' l-għaraq ta' ġbinu fuq ix-xogħol. Dan il-kliem iebes qed jifnini. Ma niflaħx iżjed għalih. Inħoss li fl-aħħar se jmarradni u naqa' f' xi depressjoni. F'sitwazzjoni bħal din, kif irrid inġib ruħi?*



Jiena u naqra l-ittra tiegħek, ħassejt qalbi tingħasar. Ma niflaħx nisma' stejjer bħal tiegħek. L-ingratitudni kullimkien kerha, aħseb u ara fiż–żwieġ, iżjed u iżjed ma' mara li taħdem bla serħan għall-familja tagħha.

B'dak li ktibt fuq ir-raġel ġagħaltni nirrifletti u nitkixxef dwar x'tista' tkun ir-raġuni ewlenija li minħabba fiha r-raġel qiegħed jittrattak kif qiegħed jagħmel meta m'intix toħloqlu problemi fil-ħajja tiegħu.

Inħoss li qiegħed iferik f'żewġ affarijiet li jġagħluk toqmos, għax jolqtuk fil-laħam il-ħaj. Il-bniedem huwa bniedem daqskemm jirnexxilu jsib il-vokazzjoni tiegħu u jingħata għal xogħol li jikkorrispondi mas-sejħa tiegħu. Li r-raġel tiegħek joqgħod jgħid lil uliedek li m'intix iġġib flus hu minnu, imma x-xogħol li qiegħda tagħmel id-dar jiswa mitqlu deheb, ma jistax jitħallas bil-flus. Ibqa' ċerta li r-raġel qed iġib ruħu miegħek kif għedtli għax għandu xi problemi personali. Min hu paċi miegħu nnifsu qatt ma jġib ruħu d-dar kif qed iġib ruħu miegħek hu.

Inti trid tkun ċerta minnek innifsek u ma tridx tħallih iwaqqagħlek il-moral tiegħek. It-tfal għajnejhom f'wiċċhom u jafu li inti altru li qed tagħmel ħafna għall-familja tagħkom.

Anke l-espressjoni l-oħra tar-raġel li jgħid lit-tfal subien tagħkom biex, jekk jiżżewġu, jagħżlu mara ma tixbahx lilek, hu kliem li jferi s-sentimenti tiegħek. Inħoss li dan il-kliem tiegħu huwa kliem żejjed. Ippermettili nistaqsik: Lir-raġel tħossu xi ftit kiesaħ? Għajjur? Iħobb jinki?

Mit-ton ta' l-ittra tinħass li inti mara ta' sentimenti nobbli ħafna. Ma nistax nifhem għal liema raġuni r-raġel qiegħed ikellmek iebes daqshekk. Ma jixraqlikx dan it-trattament proprju mir-raġel tiegħek li suppost iżommok fuq l-idejn u jkellmek bid-delikatezza kollha.

Fil-ħajja ssib, diżgrazzjatament, min jieħu pjaċir iweġġa' apposta nies suppost għeżież ħafna għalih. Min hu magħmul hekk ikollu xi problemi ta' karattru. Ġesù stess qalilna li mill-abbundanza tal-qalb jitkellem il-fomm. Mill-qalb joħroġ kollox, anki kliem bħal dak li qiegħed jindirizzalek żewġek.

Madankollu, eżamina bir-reqqa l-imġiba tiegħek id-dar fir-relazzjonijiet tiegħek ta' kull għamla ma' żewġek. Ara intix tonqsu f'xi ħaġa: xi nkejja żgħira, nuqqas ta' rispett lejn niesu, ċaħda għad-drittijiet matrimonjali tiegħu ... Jekk tilmaħ xi ħaġa, inbidel. Mhux bilfors qed jiġri hekk, imma biex inkun għedtlek kollox. Jekk tara li m'intix tonqsu fl-affarijiet li semmejtlek, dan ikun ifisser li r-raġel tiegħek għandu spirtu ħażin fih li jrid jinħeles minnu bit-talb, bis-sawm ... Kieku tajjeb imur ifittex għajnuna professjonali jekk l-imġiba tiegħu saret sistematika, storja ta' kuljum, imma dan żgur mhux se jagħmlu. Ipprova żommu talli hu. Ftakar li l-azzjonijiet ta' min jagħmilhom u mhux ta' min jiċċievihom. Fl-istess ħin, kompli imxi miegħu b'ħafna mħabba. Fl-aħħar, tirbħu żgur. Ibqa' ċerta. ❑



# Il-Knisja ta' San Ġużepp Ħaddiem fix-Xemxija



Dehra ġenerali tal-knisja l-ġdida tax-Xemxija

minn P. Franġisku AZZOPARDI ofm cap

L-ewwel Fraternità ta' l-Aħwa Minuri Kapuċċini fil-Parroċċa ta' San Pawl il-Baħar twaqqfet madwar 65 sena ilu fuq il-għolja tax-Xemxija fuq ir-riħ "Rdum ta' Rxaw".



L-ewwel kappella u l-ewwel kunvent

Patri Bernard M. Galea, Ministru Provinċjal tal-Kapuċċini, fil-5 ta' Novembru 1935, kien xtara mingħand l-aħwa Coleiro id-dar u l-art madwarha fi Triq il-Mellieħa, qabel ma taqbad in-niżla li twasslek għall-Mistra.

P. Bernard ried li minn dak il-post jagħmel residenza privata għar-reliġjużi fi żmien il-btajjel tas-sajf. Fil-fatt huwa għamel xi tibdiliet strutturali fl-ewwel sular biex bena għadd ta' kmamar kbar u arjużi. Mal-ġenb tad-dar kien hemm kappella żgħira ddedikata lil San Ġużepp, fejn il-patrijiet kienu jiċċelebraw l-Ewkaristija u jżommu 'l Ġesù Sagramentat għall-qima tan-nies.

Matul il-Gwerra 1940-1944, il-post kien okkupat mill-awtoritajiet militari Ingliżi għal skopijiet ta' difiża, għalkemm il-quddies baqa' dejjem isir fil-Ħdud u l-Festi.

Meta ntemmet il-Gwerra, il-post ġie mogħti lura lill-Provinċja. Imbagħad, wara li saru xi tiswijiet u restawri meħtieġa, il-patrijiet bdew joffru mill-ġdid is-servizz pastorali tagħhom lin-nies tal-qrib - 'il bogħod kif kienu miż-żewġ parroċċa ta' San Pawl il-Baħar u tal-Mellieħa - tul is-sena kollha.

Mal-medda tas-snin, l-aktar bejn l-1950 u 1960, beda tiela' l-bini u jiżdied l-għadd ta' residenti, kemm dawk tas-sena kollha kif ukoll dawk li jmorru fis-sajf. Għalhekk bdiet tidher il-ħtieġa ta' knisja mdaqqsa minflok il-kappella li semmejna.

Il-Provinċjal ta' dak iż-żmien, P. Krispin Galea (1959-1963), beda l-ħidma tiegħu billi stieden lil Perit Ġużè D'Amato biex iħejji l-pjanata tal-knisja meħtieġa. Il-pjanta tlestiet f'qasir żmien, tant li fis-6 ta' Diċembru 1959, Mons. Mikiel Gonżi, Arċisqof ta' Malta, bierek u qiegħed l-ewwel ġebla tal-knisja l-ġdida.

Għall-ġbir tal-flus meħtieġa, twaqqaf kumitat apposta msejjaħ *The Xemxija Capuchin Church Fund Committee*. P. Feliċjan Bilocca kien is-segretarju ta' dan il-kumitat, li ħadem u organizza bosta attivitajiet biex jintlaħaq l-għan li għalih kien ġie mwaqqaf.

Biex jintrebaħ aktar spazju ta' art possibli, id-dar u l-kappella ta' ħdejha kellhom jitwaqqgħu għal kollox. Il-Provinċja tal-Kapuċċini bniet bi flusha kunvent żgħir ġdid u sagristija, li parti minnhom kienu jintużaw bħala kappella proviżorja. Ftit żmien wara, il-Kongregazzjoni tar-Reliġjużi ħarġet reskritt fil-21 ta' Frar 1961, li bih ġiet imwaqqfa Dar u Familja Reliġjuża skond il-Liġijiet tal-Knisja.

B'xorti ħażina, minħabba n-nuqqas ta' mezzi finanzjarji, ix-xogħol kellu jieqaf għal sentejn, sakemm

bil-ħidma u l-ħeġġa tal-kumitat imsemmi u s-sehem mogħti minn xi Patrijiet Kapuċċini, il-knisja twasslet fi tmiemha. Kienet knisja li tesa' madwar 600 ruħ.



L-ewwel knisja li nbniet (1959-1966) u li twaqqgħet biex flokha tinbena l-knisja preżenti.

Hekk, wara 7 snin mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla, il-Ministru Provinċjal, P. Fortunato Pulè, nhar it-23 ta' Lulju 1966, bierek il-knisja l-ġdida u fetaħha għall-qima ta' Alla u għal-Liturġija Mqaddsa.

Huwa ta' min ifakkar hawnhekk li minħabba n-nuqqas ta' flus, il-knisja ma tkomplietx skond il-pjanta oriġinali tas-Sur Ġużè D'Amato. Il-parti t'isfel kellha għamla ottagonali b'dijametru ta' 30 metru. Fuq dan l-ottagonu telgħet koppla ta' xi 15-il metru. Imma l-koppla oriġinali kellha tkun wisq iżjed għolja.

Minħabba dik l-għamla tagħha, din il-knisja ma ntogħġbot xejn. La kienet taqbel ma' l-ambjent naturali tal-post u lanqas ma' l-istil arkitettoniku tal-bini ta' madwar. Mill-bidunett inħolqot polemika dwarha u kritika qawwija dehret f'bosta gazzetti għal żmien twil.

B'danakollu jibqa' minnu li dik kienet l-ewwel knisja fil-Gżejjer tagħna ddedikata lil San Ġużepp Ħaddiem, u l-ewwel waħda wkoll li fiha nbena apposta artal iħares lejn in-nies, kif titlob il-Liturġija tal-Konċilju Vatikan it-Tieni.

Il-knisja kellha żewġ kappelli laterali: waħda tas-Sagrament u l-oħra tal-Kunċizzjoni. Fil-kappella tas-Sagrament, il-Pittur Pawlu Camilleri Cauchi pitter biż-żejt ix-xbieha tal-Madonna nhar Għid il-Ħamsin bl-Appostli San Pietru u San Pawl (imqar jekk San Pawl ma kienx preżenti f'Għid il-Ħamis), u fil-kappella tal-Kunċizzjoni huwa pitter ix-xbieha tal-Madonna u fil-ġnub tagħha x-xbieha ta' San Franġisk u ta' Sant'Antnin. Il-paviment tal-marmettone sar fuq id-disinn tal-Prof. Emvin Cremona, li kellu f'idejh id-dekorazzjoni kollha tal-knisja. Fl-istess żmien tħejja tabernaklu tal-fidda mżejjen b'ħaġar prezzjuż kif kien xieraq għas-Sagrament.



Il-Konċelebranti flimkien ma' Mons. Arċisqof f'Jum il-Konsagrazzjoni tal-knisja.

Minkejja li sar dak ix-xogħol kollu, dil-knisja ma kellhiex ħajja twila.

Biex il-knisja tkun kemm jista' jkun kbira u tasa' l-akbar għadd possibbli ta' nies, ġara li s-sisien tagħha twasslu sa tarf il-blat bla ebda lqugħ min-naħa tal-baħar. F'qasir żmien, dik il-parti tal-knisja mibnija fit-tarf u - xi ħaġa agħar - fuq xi saffi tat-tafal bdiet bil-mod il-mod iċċedi, sa ma waslet fi stat perikoluż ħafna.

F'dawk iċ-ċirkustanzi ma kienx hemm ħlief soluzzjoni waħda: dik li titwaqqa' għal kollox. Fis-6 ta' Ottubru 1987, P. Manwel Barbara, Ministru Provinċjal, flimkien mal-Kunsillieri tiegħu, wara konsultazzjonijiet serji ma' diversi periti, iddeċieda li l-Knisja titwaqqa' u minflokha tinbena oħra ġdida.

It-tmexxija tax-xogħol tat-twaqqigħ kienet f'idejn il-Periti L. Naudi u G. Aquilina. Dawn kellhom ukoll l-għajnuna tas-Sur Karmenu Bugeja u s-Sur J. Debono. Wara li nħarġu t-*tenders*, ix-xogħol ingħata lill-kuntratturi *Ballut Block Ltd.* Fit-13 ta' Lulju 1988 inbeda x-xogħol u sas-27 ta' l-istess xahar ma kien baqa' xejn mill-knisja ħlief biċċa art wiesgħa u ċatta tistenna knisja oħra.

Qabel xejn, sar stħarriġ serju dwar il-konsistenza tal-blat li fuqu kellha tinbena l-knisja l-ġdida. Il-perit G. Aquilina ġie mitlub iħejji pjanta ta' knisja iżgħar li tkun tista' tilqa' fiha mal-300 ruħ. Mill-bidu nett sar qbil li

l-knisja tkun bla koppla, tinbena fuq art kemm jista' jkun 'il ġewwa lejn it-triq prinċipali u fuq kollox li tkun taqbel ma' l-arkitettura ambjentali ta' l-Għolja tax-Xemxija.

Jeħtieġ nammettu li wara l-esperjenza qarsa li minnha għaddiet il-knisja ta' qabel, ma kenitx ħaġa ħafifa li tiġi approvata pjanta oħra qabel ma din tkun studjata bir-reqqa. Fil-fatt ġew ippreżentati diversi pjanti li għal ħaġa jew oħra ma ssodisfawx lill-Bord ta' l-Estetika. Dan il-Bord kien qiegħed attent ħafna li l-binja tkun tixraq lil dak il-post: *"The site at the top of the hill is a prominent location, fitting for a building of special and/or symbolic significance as is a chruch."*

Wieħed malajr jintebaħ li l-Bord ta' l-Estetika kellu f'moħħu knisja monumentali. Il-Patrijiet Kapuċċini qatt ma kienu ser jidħlu għall-bini ta' knisja monumentali meta ma kellhomx mezzi, u kulma ried jinġabar kien mingħand in-nies.



Għalhekk is-Superjuri kellhom bosta laqgħat ma' l-awtoritajiet tal-Gvern fejn fissru li l-ħsieb tagħhom kien li jibnu knisja deċenti li tkun taqbel ma' l-ispirtu Franġiskan, u minn fejn ikunu jistgħu jagħtu dan is-servizz spiritwali li r-residenti u t-turisti (fis-sajf kienu jiżdiedu bl-eluf) kienu jistennew u jitolbu minnhom.

Wara tliet snin ta' taqtigħ il-qalb, fit-12 ta' Marzu 1992, inħareġ il-permess għall-bini tal-knisja li naraw illum. Minnufih inbeda x-xogħol taħt it-tmexxija tal-Perit Godwin Aquilina li ħejja l-pjanta.

Malli tlestew il-pedamenti, P. Philip Cutajar, Ministru Provinċjal, bierek u qiegħed l-ewwel ġebla fil-21 ta' Frar 1993, inqas minn sena mill-ħruġ tal-permess.

Ix-xogħol tal-bini, li mexa bla waqfien, kien f'idejn tal-*Magħtab Construction Co. Ltd.* Saru bosta ħidmiet ta' *fund raising* organizzati tajjeb minn P. Manwel Abela, Superjur tal-Fraternità tax-Xemxija, li ħallew riżultati tajbin ħafna, b'mod li ma kienx hemm ċenteżmu dejn.

F'inqas minn sena u nofs mit-tqegħid ta' l-ewwel ġebla, il-knisja kienet lesta u setgħet tinfetaħ għall-pubbliku. Dan sar nhar il-25 ta' Ġunju 1994 minn P. Anton Mompalao, li bierek il-knisja u mexxa l-Ewwel Quddiesa Kkonċelebrata, imsieħeb mill-Fraternità tax-Xemxija u minn P. Manwel Barbara u P. Franġisku Azzopardi, żewġ ex-Provinċjali li kellhom sehem importanti fil-proġett tal-knisja.

Il-knisja ntogħġbot ħafna kemm għall-istil arkitettoniku tagħha li jaqbel mal-ambjent, u kemm għat-tifsira li malajr tagħti lil min iħares lejha: Dar ta' Talb u Qima lil Alla. Hija knisja mingħajr pretensjonijiet ta' monumentalità; knisja ta' ispirazzjoni Franġiskana fejn il-bniedem, fis-skiet u l-ħemda, isib 'l Alla u jerfa' ħsibijietu lejh. It-Tabernaklu, il-*Via Sagra*, il-bankijiet u xi ħwejjeġ oħra li kienu fil-knisja ta' qabel sabu posthom fil-knisja l-ġdida, li hija mgħammra b'dak kollu li hu meħtieġ għall-funzjonijiet liturġiċi. Il-Kurċifiss li naraw illum fil-knisja l-ġdida ġie mogħti lill-Kapuċċini mis-Sorijiet magħrufa *Blue Sisters* meta l-Isptar tagħhom ġie magħluq mill-awtoritajiet ċivili fl-1981. It-tul tal-knisja huwa ta' 24 metru, wiesa' 21 metru u msaqqaf fuq 36 filata. Il-ġrajja kollha tal-knisja tax-Xemxija waslet fil-quċċata tagħha bil-konsagrazzjoni mill-Arċisqof ta' Malta Mons. Ġ. Mercieca li saret fl-20 ta' Frar 2000.

Illum, is-Superjur attwali, P. Karmelo Dimech, ofm cap., flimkien mal-Fraternità Kapuċċina responsabbli mill-knisja, barra mill-amministrazzjoni ordinarja tas-Sagramenti, qiegħed iħabrek biex dan il-post ikun Ċentru ta' Evanġelizzazzjoni; Ċentru mnejn il-messaġġ Nisrani u Franġiskan jitwassal lill-adulti u liż-żgħażagħ ta' llum. Fis-sala tal-pjan taħt il-knisja jistgħu jinżammu *seminars* għal diversi kategoriji ta' nies, korsijiet ta' katekeżi u tagħlim dwar problemi attwali, irtiri u laqgħat ta' talb u meditazzjoni. Ma' din l-għamla ta' ħidma pastorali, qed jiġu organizzati attivitajiet ta' natura soċjo-filantropika, fejn jingħata taħriġ - l-aktar tul is-sajf - dwar rakkmu, *crochet*, *knitting*, *typing*, *flower arrangement*, eċċ. Jinżammu wkoll ħidmiet rikreattivi biex jgħaqqdu l-komunità tal-qrib flimkien, u fl-istess ħin jgħinu fil-manutenzjoni tal-knisja.

L-attendenza ta' bosta nies minn kull naħa ta' Malta hija xhieda ta' kemm il-knisja qed twettaq il-missjoni tagħha ta' qadi pastorali b'risq il-poplu. ❑

# "Inħallilkom ir-Rużarju!"

minn Tessie SCERRI ofs

Ix-xemx sħuna wara nofsinhar f'Settembru 1968 kienet qed tmelles il-qċaċet tawwalin taċ-ċipress u s-siġar għoljin oħra fil-ġnien u titfa' dellijiet fuq il-ħajt tal-veranda tal-kunvent tal-Kapuċċini tal-Madonna tal-Grazzja f'San Giovanni Rotondo, Foggia.

Dak il-ħin l-iwrieżaq kienu qed jagħmlu l-kor monotonu tagħhom fil-ġnien tal-patrijiet. F'din il-veranda mdawwla, li kull min iżur iċ-ċella ta' P. Piju jrid jgħaddi minnha, għad hemm l-istess sett ta' siġġijiet tal-qasab. Fuq wieħed minn dawn is-siġġijiet kien hemm P. Piju minn Pietrelcina. Kien qed iħares ċass 'il fuq lejn is-sema, konxju li ħajtu f'din l-art kienet dalwaqt tintemm.



Fil-fatt, P. Piju ħalla din id-dinja nhar it-23 ta' Settembru 1968. Kien qalbu sewda għax kien qed jiftakar fl-ulied spiritwali tiegħu mad-dinja kollha li tant kien jgħinhom fil-problemi materjali u spiritwali tagħhom bil-pariri tiegħu.

"Uliedi! Uliedi!" beda jibki P. Piju.

Xi ħadd kuraġġjuż staqsieh: "Patri, x'se tħallilna bħala rikordju u wirt tiegħek?"

Din il-mistoqsija kkonfondietu ferm. Hu kien iħaddan l-Ordni Franġiskan Kapuċċin, għalhekk ma kien jippossiedi xejn materjali. Tassew! Iżda wirt mhux bilfors ikun materjali. P. Piju kellu patrimonju spiritwali kbir u sinjur x'iħalli lil uliedu spiritwali.

"Inħallilkom ir-rużarju!" wieġeb P. Piju. "Itolbuh! Itolbuh tajjeb! Għax ir-rużarju hu s-sintesi tal-fidi tagħna."

Patri Piju kien jagħti dan il-parir: "L-attenzjoni tagħna trid tkun fuq l-*Ave Maria*, it-tislima li nagħtu lill-Madonna fil-misteri li nkunu nikkontemplaw. Marija dejjem kienet hemm u ħadet sehem fl-imħabba u t-tbatija."

P. Piju kien jgħid ir-rużarju lejl u nhar. Dejjem bil-kuruna f'idejh. Din it-talba kienet tiddefendih mill-attakki tax-xitan. Kien jgħid li r-rużarju kien l-arma tiegħu. In-numru ta' drabi li kien jgħid ir-rużarju kien inkalkulabbli. Hu ried lil uliedu spiritwali jgħidu r rużarju. L-ideat ta' tiġdid ta' żmienu, li jinfdu t-tradizzjonijiet antiki tar-rużarju, beżżgħetu u kedditu ħafna.

Kien jaf li x-xitan qatt ma' kien jehda jivvinta xi ħaġa biex ineħħi l-kuruna tar-rużarju minn idejn l-insara. Il-mibki Papa Pawlu VI qal hekk fil-5 ta' Mejju 1968: "Ħobbu r-rużarju mqaddes, għiduh u ġiegħelu lil ħaddieħor jgħidu."

Patri Piju kien obda mill-Vigarju ta' Kristu. Għalhekk widdeb lil sħabu l-patrijiet biex meta jmut ikomplu xogħlu u jfakkru kontinwament lil l-ulied spiritwali u jinsistulhom biex qatt ma jabbandunaw din l-arma qawwija tar-rużarju mqaddes.

Dak il-ħin, il-Kurċifiss li kien imdendel mal-ħajt tal-veranda fejn kien bil-qiegħda P. Piju beda jiddi fid-dawl tax-xemx. P. Piju sejjaħ wieħed mill-patrijiet u ddettalu t-testment spiritwali: "Ibni, jekk nagħmlu dejjem bħal ta' qabilna ma' niżbaljaw qatt. Għandna nħobbu lill-Madonna u ngħallmu lill-oħrajn iħobbuha. Satana jrid jeqred din it-talba, iżda qatt mhu ser jirnexxilu. Ir-rużarju hu t-talba ta' dawk li jittrijunfaw fuq kollox u fuq kulħadd. Fuq kollox, Marija stess għallmitna din it-talba bħalma binha Ġesù għallimna l-Missierna."

Meta spicca jitkellem, Patri Piju, b'rogħda kibra, newwel il-kuruna tiegħu lill-patri sieħbu, li konxju mill-kobor tar-responsabbiltà li ħallielu P. Piju, irringrazzjah f'isem kulħadd.

Dan kien il-wirt ta' Patri Piju mgħoddi lil sħabu biex ikomplu jxerrduh. Wirt ta' valur Immens! Teżor kbir tassew! ❑

## P. Taddew Schembri qiegħed fostna



Ħuna Patri Taddew Schembri, missjunarju fl-Etjopja, bħalissa jinsab fostna minħabba t-telfa' ta' l-għażiża ommu. P. Taddew ser jibqa' hawn Malta għal xi ġranet ta' mistrieħ. Huwa ilu jaħdem fl-artijiet tal-Missjoni, Etjopja u Kenja għal dawn l-aħħar tletin sena. Filwaqt li mill-ġdid nagħtuh l-għomor, nixtiqulu ġranet ta' mistrieħ u ħidma wtieqa.

## P. George Bezzina jinsab Malta

Ħuna Patri George Bezzina bħalissa jinsab hawn Malta għal jiem ta' mistrieħ. P. George, fil-Kapitlu tal-Viċi Provinċja li kien inżamm f'Nairobi fil-Kenja f'Ġunju ta' l-1999, kien ġie magħżul bħala l-Viċi Provinċjal tal-Viċi Provinċja tal-Kapuċċini fil-Kenja. Qabel ma nħatar superjur kien ilu għal diversi snin bħala kappillan tal-parroċċa ta' Ruiru, 'l barra mill-belt ta' Nairobi. Ta' min isemmi wkoll is-snin li għamel bħala missjunarju fl-Indja qabel ma mar il-Kenja. B'kollox qatta' 34 sena fil-missjoni.



Nawgurawlu ġranet ta' mistrieħ.

## 50 sena Saċerdoti





Ħutna Patri Erkulano DeMaria *(ritratt xellug fuq)* u Patri Frank Delia, *(ritratt xellug isfel)*, Kapuċċini, sejrin iroddu ħajr 'l Alla għall-ħamsin sena ta' ħajja saċerdotali li għoġbu jagħtihom.

Dan ser jagħmluh permezz ta' quddiesa kkonċelebrata li se ssir nhar il-Ħadd, 4 ta' Mejju, fil-knisja ta' Sant'Antin, Għajn Dwieli, ir-Raħal Ġdid fis-6.00 p.m. Nifirħulhom u nawgurawlhom fil-ħidma saċerdotali tagħhom.

AD MULTOS ANNOS.

### Tifkira mil-mewt tal-Qaddej ta' Alla

## Fra Baskal, Kapuċċin



Fl-okkażjoni tat-63 sena mill-mewt tal-Qaddej ta' Alla Fra Baskal Farrugia, nhar il-Ħamis, 18 ta' Mejju 2000, fis-7.00 p.m., fis-Santwarju tal-Madonna tal-Grazzja, Victoria, Għawdex, se ssir Quddiesa kkonċelebrata, immexxija mill-Kan. Nikol Vella Apap. Id-devoti kollha huma mistiedna.

## Oħtna l-Mewt iżżurna

Nhar il-Ġimgħa, 31 ta' Marzu 2000, oħtna l-mewt żaret lil Mary Schembri neè Spagnol, omm Ħuna l-missjunarju P. Taddew Schembri. Il-funeral tagħha sar nhar is-Sibt, l-1 ta' April, fil-knisja parrokkjali tal-Madonna tal-Grazzja, Ħaż-Żabbar. Kienu diversi l-aħwa Kapuċċini li attendew għall-funeral tagħha flimkien ma' saċerdoti oħra. Il-Quddiesa Konċelebrata ġiet immexxija mill-Provinċjal, P. Crispin Tabone u l-omelija għamilha P. William Axiaq. Filwaqt li 'l din oħtna Mary nitolbu għaliha biex il-Mulej idaħħala fil-mistrieħ ta' dejjem, nagħtu l-għomor lil żewġha Francis, lil Ħuna P. Taddew u lill-familjari kollha, u nwegħduhom it-talb tagħna. R.I.P.



# TISLIBA 5

minn P. Wistin ATTARD ofm cap




1. Sultan ta' Għeglon. (Ġoż 10, 3) (5)
2. U ... bwieb is-smewwiet. (Ġen 7, 11) (6)
3. Belt kbira. (1 Mak 5, 46) (5)
4. Il-belt ta' Tabita. (Atti 9, 36) (5)
5. ... tax-xita. (Sir 1, 2) (4)
6. Hekk għamel il-Mulej miegħi. (2 Tim 4, 17) (5)
7. Ġudizzju aktar ħafif. (Lq 10, 14) (5)
8. Fuqha nstema' l-gamiem. (Għan 2, 12) (5)
9. ... min .... (Rum 2, 1) (3)
10. Jagħmluha bis-sewwa. (Mal 3, 3.4) (7)
11. u 12. David qatagħlu rasu. (1 Sam 17, 4) (6)
13. U *jwarrbu* lil Ġesù Kristu. (Ġuda 4) (6)
14. ... minn ilsir. (Film 16) (5)
15. Niżel ħdejhom fil-forn. (Dan 3, 49) (5)
16. Fdal fid-dris tal-qamħ. (Għam 8, 6) (5)
17. Bħal wieħed hekk jiġi l-għaks (Prov 24, 34) (5)
18. Tas-sħab u tan-nar. (Neħ 9, 19) (7)
19. L-isem antik tal-belt Dan. (Imħ 18, 29) (4)
20. Daqs il-kristall, ngħidu. (Lhud 7, 15) (3)
21. Fejn David waqqaf il-kamp. (Is 29, 1) (5)
22. Ksibnieha bid-demm tiegħu. (Efes 1, 7) (5)

***RIŻULTAT TAT-TISLIBA TA' APRIL:***

*1 Tiġru; 2. Xettri; 3. Ġbart; 4. Nħobb; 5. Samu; 6. Ħasil; 7. Iħebb; 8. Ħmara; 9. Rut; 10. Rabbuni; 11. u 12. Gilgal; 13. Akajku; 14. Kalċi; 15. Ittaj; 16. Tjieba; 17. Salib; 18. Amittaj; 19. Inti; 20. Asa; 21. Ċetra; 22. Bikri.*

*Ir-rebbieħ jingħata ktieb sabiħ. Dan jittella' bix-xorti mit-tislibiet tajba li jaslu mhux aktar tard mill-ħmistax tax-xahar. Ibgħatu s-soluzzjoni tagħkom f'dan l-indirizz: Tisliba Dawl Franġiskan, Kunvent tal-Kapuċċini, Floriana - VLT 14*

**Ir-Rebbieħa ta' dan ix-xahar hija:**
**Mrs. Lina Sammut, Qawra**

**Il-Bibbja li ntużat għal din it-Tisliba hija dik ta' l-Għaqda Biblika (Edizzjoni 1984 jew 1997).**

POEŻIJA

## DAWL FRANĠISKAN - 200

*minn P. Wistin ATTARD ofm cap.*

Bħal bidwi jdur fl-għelieqi b'ħodon żrieragħ
Iferrex 'l hawn u 'l hinn il-qamħ felħan,
Jistenna s-sema jkabbar, jagħni l-ħidma.
U n-niket jgħib u jfiġġ il-wiċċ ferħan.

Hekk int għal ħafna drabi ġrejt dal-gżejjer
Ixxandar hena w ġid bla hedu xejn.
Min jgħodd il-frott tal-ħidma ħiemda tiegħek?
Mhux darba w tnej rajniek, sa llum MITEJN.

Għax hekk wassalha l-Bxara ġewwa Assisi
Il-Fqajjar għani, miexi kollu skiet.
U n-nies imxennqa għall-paċi ġriet għal djulu.
U l-qalb li sabet kenn, ferħet u bkiet.

Żejjint il-bixra rżina ma' kull mixja,
Taħbit il-qalb inbidel ma' kull żmien;
'Mma l-ħsieb qaddis li Kristu jsaltan fina
Dan le, ma rħejtu qatt, jibqa' kif kien.

Tgħejjiex issemma' leħnek, ibqa' terraq,
Id-dija tad-dawl tiegħek triq is-sliem.
Bil-qoffa f'idek qassam ħobż is-sewwa,
Fi ħsiebek hemm il-ħajja ta' bla tmiem.



# Għadhom jiffansjawh... iżda... !

*minn P. Joe Giuliano OFM Cap*



Minn meta ċ-*Church on Wheels* telqet timxi sallum, nista' ngħid li lil Ġesù ż-żgħażagħ għadhom jiffansjawh u jħobbuh. U mhux iż-żgħażagħ biss, iżda nista' ngħid li kull min iltqajt miegħu. Skoprejt li għad hemm min jixtieq iħobbu hekk li jrid jimxi warajh fuq l-istil ta' ħajtu; hekk kif għex hu meta kien hawn magħna. Skoprejt li jridu però min jagħmlilhom il-qalb u min jiggwidahom. Infatti, darba waħda, fi skola, iltqajt ma' tfajla li kif kienet ħierġa mit-*trailer* b'għajnejha jilmaw bid-dmugħ, qaltli: "Father, din il-ħaġa - li tidħol sister - ili ħafna nħossha, iżda nibża!" Iva, skoprejt li ż-żgħażagħ huma mbeżża' biex jieħdu pass deċiżiv f'ħajjithom, mhux għall ħajja ta' konsagrazzjoni biss, iżda għal kull tip ta' stat. Ma ntihomx tort, għax iż-żgħażagħ qed ibatu mill-kultura li qed jgħixu fiha, fejn is-sisien tal-familja, u allura tas-soċjetà, huma mriegħda. Sewwa kien qal il-Papa lilna s-saċerdoti u r-reliġjużi biex inkunu aktar *available* għad-direzzjoni spiritwali u għall-*guidance*. Inħoss li hawn ħafna żgħażagħ mitluqa! Huma l-ftit li jmorru l-għaqdiet. Għandhom bżonn ta' ħafna *leaders* li jiggwidhom u jinkuraġġuhom. Iżda fuq kollox għandhom bżonn li jaraw lilna, saċerdoti u reliġjużi, interessanti, jiġifieri nies li huma msaħħra wara Ġesù, nies imġienen għalih u għall-Bxara t-Tajba ta' l-Evanġelju. Skoprejt li meta ż-żgħażagħ ikunu f'ambjent li jilqagħhom, u fejn jisimgħu kelma qawwija, imsieħba minn ħajja sinċiera, ikunu lesti mhux biss li jilqgħu lil Ġesù, iżda li jilgħabu ħajjithom għalih, li jkunu *full-timers* għalih f'servizz lill-poplu tiegħu.

**Fix-xahar ta' Mejju ċ-*Church on Wheels* ser tkun f'dawn l-iskejjel u l-lokalitajiet:**

- 3 ta' Mejju: Junior Lyceum, Imrieħel
- 4 ta' Mejju: Parroċċa ta' Sant' Elena, B'Kara
- 5 ta' Mejju: Junior Lyceum (Bniet), Blata l-Bajda
- 6 ta' Mejju: Parroċċa tal-Mosta
- 9 ta' Mejju: Junior Lyceum (Subien), Ħamrun
- 10 ta' Mejju: Parroċċa tan-Naxxar
- 11 ta' Mejju: Parroċċa ta' San Ġużepp, B'Kara
- 13 ta' Mejju: Misraħ il-Ħelsien, Valletta
- 15 ta' Mejju: Parroċċa tal-Fgura
- 17 ta' Mejju: Junior Lyceum (Bniet), Imrieħel
- 18 ta' Mejju: Parroċċa ta' San Bastjan, Qormi
- 19 ta' Mejju: Junior Lyceum (Bniet), Blata l-Bajda
- 22 ta' Mejju: Skola Sant' Elija, Santa Venera
- 23 ta' Mejju: Parroċċa ta' Bormla
- 25 ta' Mejju: Junior Lyceum (Bniet), Blata l-Bajda
- 26 ta' Mejju: Parroċċa ta' Birżebbuġia
- 29 ta' Mejju: Junior Lyceum (Bniet), Imrieħel
- 30 ta' Mejju: Parroċċa ta' San Ġwann
- 31 ta' Mejju: Skola Sekondarja (Bniet), Mosta

**Jekk trid tkun taf aktar dwar il-ħajja u l-ħidma ta' l-Aħwa Kapuċċini ikkuntattja lil**
**Fr. Joe Giuliano OFM Cap.**
**Kunvent tal-Kapuċċini**
**Kalkara**

**☎ 825 724**
**jew**
**800 612**




**K.I.V. website:**
**www.vocations.org.mt**

# Żewġ modi sabiex tgħin fil-missjoni



Jekk tixtieq tgħin fil-formazzjoni ta' dawn iż-żgħażagħ Kenjani sabiex isiru reliġjużi u saċerdoti tista' tagħmel
**BORŻA TA' STUDJU.**
Borża ta' Studju hija offerta ġeneruża ta' Lm 250 li tinqasam bejn is-seminaristi tagħna kollha. Din tista' tingħata jew minn persuna waħda jew minn diversi benefatturi li jingħaqdu flimkien. Tista' tingħata anki ftit ftit. Min jagħmel din l-offerta jkollu sehem kbir fil-ħajja reliġjuża/saċerdotali tal-Kapuċċini Kenjani.

Bħalissa ninsabu fi bżonn ta' BOLOL u TELECARDS użati.
Jekk int ikollok minn dawn, iġborhom u ibgħathomlna.
Int ma titlef xejn u aħna naqilgħu minnhom għall-Missjoni.





*Għal aktar tagħrif ikkuntattja lil:*
*Fr. Joe Alessandro*
*Uffiċċju Missjoni Kapuċċini*
*Kunvent tal-Kapuċċini*
*Floriana - VLT 14*
*Tel: 233874/225525/234949*
*Fax 235955*